MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 320/2009

**AX Holdings Ltd (C3565)**

**AX Construction Ltd (C17438)**

**The Palace Operations Ltd (C40905)**

**VS**

**Cutrico Services Ltd (C3517)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors guramentat minn Angelo Xuereb in rapprezentanza tas-socjetajiet rikorrenti AX Holdings Limited, The Palace Opertions Limited u AX Constructions Limitred , tat-30 ta'Marzu 2009 li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 (kopja annessa bhala "Dokument A") is-socjeta' intimata Cutrico Services Limited intrabtet li tissupplixxi u tinstalla apparat ta' airconditioning fi tmient (8) ikmamar fil- lukanda ta' hames stilel maghrufa bhala The Palace, Triq il-Kbira, Sliema u dan taht it-termini u kundizzjonijiet u kif stipulat fl-istess ftehim.*

*Illi specifikament, permezz tal-ftehim fuq imsemmi tat-22 ta' Settembru 2008, l- istess Cutrico Services Ltd. obbligat ruhha illi tlesti u tikkommissjona x- xogholijiet kollha miftehma sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008.*

*Illi sallum, u minkejja diversi interpellanzi mis-socjetajiet attrici, s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd ghadha ma lestietx u ma kkummissjonatx ix- xogholijiet kif miftiehem u sa abbandunat ix-xogholijiet kollha.*

*Illi in vista' ta' l-inadempjenza taghha, s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd rendiet ruhha responsabbli ghad-danni favur ir-rikorrenti kif ser jinghad;*

*IIli jissussistu l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 161(3) et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex l-atturi jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentat wiehed u dan ghaliex il-materja hija konnessa, decizjoni f'wahda teffettwa jew tista' teffettwa id-decizjoni fl-ohrajn u l-provi huma generalment l-istess. Ghalhekk wara l-preambolu generali li huwa komuni ghat-tliet talbiet qed isiru premessi.*

*PREMESSI U TALBIET TA' AX HOLDINGS LIMITED*

*Illi permezz tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 fuq imsemmi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Limited intrabtet li tissupplixxi u tinstalla apparat ta' airconditioning fi tmient (8) ikmamar fil-lukanda ta'hames stilel maghrufa bhala The Palace, Triq il-Kbira, Sliema u dan taht it-termini u kundizzjonijiet u kif stipulat fl-istess ftehim.*

*Illi specifikament, permezz tal-ftehim fuq imsemmi tat-22 ta'Settembru 2008, l- istess Cutrico Services Ltd. obbligat ruhha illi tlesti u tikkommissjona x- xogholijiet kollha miftehma sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008.*

*Illi sallum, u minkejja diversi interpellanzi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd ghadha ma lestietx u ma kkummissjonatx ix-xogholijiet kif miftiehem u sa abbandunat ix-xogholijiet kollha.*

*Illi in vista' ta' dan, is-socjeta' intimata rendiet ruhha responsabbli ghad-danni pre-likwidati ai termini tal-kwalzola "e" tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 favur is-socjeta' AX Holdings*

*Limited fl-ammont ta' mija u hamsin Ewro [€150] kuljum mid-data ta' meta bdiet l-inadempjenza, u ghaldaqstant hija debitrici favur l-istess socjeta' fis-somma ta' hmistax il-elf u erba' mitt Ewro [€15,400] rapprezentanti l-istess danni pre-likwidati sat-30 ta' Marzu 2009;*

*Ghaldaqstant l-esponenti AX Holdings Limited titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghogbha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd. kissret l-obbligi kuntrattwali taghha fis-sens illi ma lestietx u kkummissjonatx ix-xogholijiet oggett tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2009 fiz-zmien stipulat fl- istess ftehim;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi in konsegwenza s-socjeta' intimata rendiet ruhha responsabbli ghad-danni subiti ai termini tal-kwalzola "e" tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 u ghalhekk ghandha thallas is-somma ta' hmistax il-elf u erba' mitt Ewro (€15,400) in linea ta' danni sat-30 ta' Marzu 2009 ai termini ta' l-istess ftehim tat-22 ta'Settembru 2009;*

3. *Tordna l-hlas ta' l-istess somma ta' hmistax il-elf u erba' mitt Ewro (€15,400), imghaxijiet skond il-ligi u spejjez.*

*<u>PREMESSI U TALBIET TA' AX CONSTRUCTION LIMITED</u>*

*Illi permezz tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 fuq imsemmi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Limited intrabtet li tissupplixxi u tinstalla apparat ta' airconditioning fi tmient (8) ikmamar fil-lukanda ta' hames stilel maghrufa bhala The Palace, Triq il-Kbira, Sliema u dan taht it-termini u kundizzjonijiet u kif stipulat fl-istess ftehim.*

*Illi specifikament, permezz tal-ftehim fuq imsemmi tat-22 ta' Settembru 2008, l- istess Cutrico Services Ltd. obbligat ruhha illi tlesti u tikkommissjona x-xogholijiet kollha miftehma sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008.*

*Illi sallum, u minkejja diversi interpellanzi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd ghadha ma lestietx u ma kkummissjonatx ix-xogholijiet kif miftiehem u sa abbandunat ix-xogholijiet kollha.*

*Illi in vista' ta' dan, is-socjeta' intimata rendiet ruhha responsabbli ghad-danni pre-likwidati ai termini tal-kwalzola "e" tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 favur is socjeta' AX Constructions Limited fl-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150) kuljum mid-data ta' meta bdiet l-inadempjenza, u ghaldaqstant hija debitrici favur l-istess socjeta' fis-somma ta'hmistax il-elf u erba'mitt Ewro (€15,400) rapprezentanti l-istess danni pre-likwidati sat-30 ta' Marzu 2009;*

*Ghaldaqstant l-esponenti AX Holdings Limited u AX Constuction Limited jitolbu bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghogbha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd. kissret l- obbligi kuntrattwali taghha fis-sens illi ma lestitietx u kkummissjonatx ix- xogholijiet oggett tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2009 fiz-zmien stipulat fl-istess ftehim;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi in konsegwenza s-socjeta' intimata rendiet ruhha responsabbli ghad-danni subiti ai termini tal-kwalzola "e" tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 favur u ghalhekk ghandha thallas is-somma ta' hmistax il-elf u erba' mitt Ewro (€15,400) in linea ta' danni sat-30 ta' Marzu 2009 ai termini ta' l-istess ftehim tat-22 ta' Settembru 2009;*

3. *Tordna l-hlas ta' l-istess somma ta' hmistax il-elf u erba' mitt Ewro (€15,400), imghaxijiet skond il-ligi u spejjez.*

*<u>PREMESSI U TALBIET TA' THE PALACE OPERATIONS LTD</u>*

*Illi s-socjeta' rikorrenti The Palace Operations Ltd, li ggesti l-lukanda The Palace, Triq il-Kbira, f'Tas-Sliema.*

*Illi permezz tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 fuq imsemmi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Limited intrabtet li tissupplixxi u tinstalla apparat ta' airconditioning fi tmient (8) ikmamar fil-lukanda ta' hames stilel maghrufa bhala The Palace, Triq il-Kbira, Sliema u dan taht it-termini u kundizzjonijiet u kif stipulat fl-istess ftehim.*

*Illi specifikament, permezz tal-ftehim fuq imsemmi tat-22 ta' Settembru 2008, l- istess Cutrico Services Ltd. obbligat ruhha illi tlesti u tikkommissjona x-xogholijiet kollha miftehma sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008.*

*Illi sallum, u minkejja diversi interpellanzi, s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd ghadha ma lestietx u ma kkummissjonatx ix-xogholijiet kif miftiehem u sa abbandunat ix-xogholijiet kollha.*

*IIli minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' Cutrico Services Ltd milli tlesti x- xogholijiet kollha kif kuntrattat, is-socjeta' rikorrenti The Palace Operations Ltd ma setghetx tbiegh it-tmien (8) kmamar in kwistjoni biex takkomoda klijenti taghha*

*Illi in vista tas-suespost, is-socjeta' The Palace Operations Ltd. ghaldaqstant soffriet danni konsistenti f'telf ta' negozju, dhul u profitt minhabba dan il-fatt, kif ukoll telf ta'dhul u profitt minhabba t-telf sostanzjali ta'negozju relatat;*

*Illi s-somma dovuta mis-socjeta Cutrico Services Ltd. favur The Palace Operations Ltd. in linea ta' danni minhabba telf ta' negozju, dhul u profitt sat- tletin (30) ta' Marzu 2009 tammonta ghal-mija u tmienja u sittin elf mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1 68,157.66) bl-imghaxijiet u spejjez, u dan kif ser ligi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' THE PALACE OPERATIONS LIMITED titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata Cutrico Services Ltd. kissret l- obbligi kuntrattwali taghha fis-sens illi ma lestietx u kkommissjonatx ix- xogholijiet oggett ghall-ftehim tat-22 ta' Settembru 2009 fiz-zmien stipulat fl-istess ftehim;*
2. *Tiddikjara u tiddeciedi li in konsegwenza s-socjeta' intimata rendiet ruhha responsabbli ghal danni applikabbli mit-18 ta' Dicembru 2008 sat-30 ta' Marzu 2009 konsistenti f'telf ta' negozju u ta' profitt fl-ammont ta' mija u tmienja u sittin elf mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€168,157.66) jew somma ohra verjuri li jogghobha tordna din l-Onorabbli Qorti:*

3. *Tordna l-hlas ta' l-istess somma ta' mija u tmienja u sittin elf mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€168,157.66), jew is-somma verjuri, kif ikun il-kaz.*

*Bl-imghaxijiet u spejjez u b'riserva ta' kull azzioni, inkluz dak ghal danni ulterjuri, spettanti lis-socjetajiet bil-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjetajiet rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata;

Rat ir-risposta guramentata ta' Cutrico Services Limited tal-11 ta' Mejju 2000 li taqra hekk:

*" 1. <u>Risposta Guramentata ghall-pretensjoni u t-talbiet ta' AX Holdings Limited</u>*

*1.1 Is-socjeta intimata m' ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali fil-konfront ta' AX Holdings Limited u dan stante illi l-kuntratt li kopja tieghu giet annessa bhala Dokument "A" huwa bejn is-socjeta Cutrico Services Limited u AX Construction Limited;*[1]

*1.2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata ma kkwazat u ma tahti ghal ebda danni a favur tas-socjeta AX Holdings Limited:*

*1.3 Ukoll minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex l- istess ammont ghall-istess raguni huwa wkoll pretiz minghand is-socjeta AX Construction Limited u kwindi l-pretensjoni hija doppja.*

*1.4 Ukoll minghajr pregudizzju, is-socjeta AX Holdings Limited ghandha tipprova d-danni li tippretendi u wkoll li qdiet l-obbligu taghha li timminimizza tali allegati danni;*

*1.5 Ghaldaqstant, it-talbiet ta' AX Holdings Limited ghandhom jigu michuda.*

*1.6 Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

[1] *Ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafu (2) ta' din ir-risposta, pero, is-socjeta' esponenti tichad ukoll illi hemm xi Danni dvuti da parti taghha lil AX Construction Limited*

*2. <u>Risposta Guramentata ghall-pretensjoni u t-talbiet ta' AX Construction Limited</u>*

*2.1 Is-socjeta intimata qdiet l-obbligi kuntrattwali taghha skond il-kuntratt anness u mmarkat Dokuntent "A" mar-rikors guramentat*

*2.2 Ebda danni ma gew ikkawzati lil AX Construction Limited u dan stante illi kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors guramentat, Cutrico Services Ltd lestiet ix-xogholijiet kollha minnha mistennija skond il-kuntratt u dan fiz-zmien illi hi setghet mill-aktar fis possibbli taghmel dan fic-cirkostanzi f'kuntest ta' xogholijiet ta' terzi kuntratturi fl-Annexe ta' The Palace Hotel, f'Tas-Sliema, liema xogholijiet necessarjament kellhom jitlestew qabel ma s-socjeta intimata setghet tkun tista' tkompli u tlesti bix-xogholijiet taghha.*

*2.3 Ukoll minghajr pregudizzju, is-socjeta AX Construction Limited ghandha tipprova d-danni li tippretendi u wkoll li qdiet l-obbligu taghha li timminimizza tali allegati danni.*

*2.4 Finalment u minghajr pregudizzju, is-socjeta Cutrico Services Limited ghandha kontro-talba li hija qieghda tipprezenta kontestwalment ma din ir-risposta ai termini ta' l-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liema kontro-talba hija s-socjeta intimata Cutrico Services Limited li baqghalha tithallas minghand AX Construction Ltd ghas-servizzi li pprovdiet lill-istess socjeta skond il-kuntratt anness u mmarkat Dokument "A"mar-rikors guramentat u dan kif ser jirrizulta aktar fid-dettal fl-imsemmija kontro-talba.*

*2.5 Ghaldaqstant, it-talbiet ta' AX Construction Limited ghandhom jigu michuda.*

*2.6 Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*3. <u>Risposta Guramentata ghall-pretensioni u t-talbiet ta' The Palace Operations Limited</u>*

*3.1 Is-socjeta intimata ma kellha ebda relazzjoni guridika ma The Palace Operations Limited u kwindi ma tistax tinstab hatja tad-danni pretizi kif allegat fil-premessi.*

*3.2 Minghajr pregudizzju jinghad illi s-socjeta intimata ma kkawzat, u kwindi ma tistax tinstab hatja ta', danni ex delictu, jekk kemm-il darba din hi n- natura tad-danni li qed jippretendu r-rikorrenti, jew min minnhom.*

*3.3 Minghajr pregudizzju wkoll jinghad illi m'hemmx ness bejn l-allegati Danni li sofriet The Palace Operations Limited u l-agir ta' Cutrico Services Limited li minnu tilmenta l-istess socjeta u li f'din ir-risposta guramentata qed jigi kollu michud.*

*3.4 Ukoll minghajr pregudizzju, is-socjeta The Palace Operations Limited ghandha tipprova d-danni li tippretendi u wkoll li qdiet l-obbligu taghha li timminimizza tali allegati danni.*

*3.5 Ghaldaqstant, it-talbiet ta' The Palace Operations Limited ghandhom jigu michuda.*

*3.6 Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*IL-FATTI skond kif mehtiega li jigu elenkati fl-artikolu 158(3)(c), tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Gino Cutajar jiddikjara illi huwa jaf il-fatti li ser isegwu personalment. Jiddikjara in oltre illi l-paragrafi fir-rikors guramentat mhumiex numerati izda huwa ser jaghmel riferenza ghalihom daqs li kieku kienu hekk numerati.*

*1. Il-fatti fir-rigward tal-pretensjoni ta'AX Holdings Limited*[2]

*1.1 Fir-rigward tal-fatti premessi fl-ewwel paragrafu, is-socjeta esponenti ticcara illi l-ftehim in kwistjoni kien bejn l-istess socjeta intimata u AX Construction Limited bil-kundizzjoni, fost ohrajn, illi (i) il-hlas ta' penali ghal dewmien jekk ikun hemm kellha ssir fil-konfront ta' AX Construction Limited u dan skond il- paragrafu (e) tad-Dokument "A" anness u (ii) il-hlas tax-xogholijiet lill- esponenti kellu jsir permezz ta' tpacija ghal dak il-hlas li kellha taghmel l-istess socjeta lil AX Construction Limited meta din ta' l-ahhar kienet giet ingaggjata taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni skond kuntratt anness u mmarkat "Dokument "CS1" fil-Cutrico Showroom, Old Railway Track, Santa Venera.*

[2] *Il-fatti f dan il-paragrafu numru (1) japplikaw ukoll ghall-fatti kif dikjarati fil-preambolu generali li jinsab fuq l-ewwel u t-tieni faccata tar-rikors guramentat,*

*1.2 L-esponenti taqbel mal-fatti fit-tieni paragrafu u senjatament illi kien hemm terminu entro liema kellha tlesti u tikkommissjona x-xogholijiet, liema terminu ma setax jigi rispettat minhabba f'ragunijiet u cirkostanzi li fuqhom is-socjeta esponenti ma kellha ebda kontroll u li ser jigu spjegati aktar'il quddiem, fosthom illi l-istess rikorrenti, jew min minnhom, jew agenti, impjegati u kuntratturi ohra taghhom fixklu l-andament tax-xoghol ta' Cutrico Services Limited.*

*1.3 L-esponenti tichad il-fatti fit-tielet paragrafu u tikkonferma illi x-xogholijiet li kellha taghmel tlestew qabel is-6 ta' Frar 2009.* [3] *Ix-xogholijiet ma tlestewx qabel u kif miftiehem mhix minhabba f'xi tort, nuqqas jew traskuragni mputabbli lill-istess esponenti izda biss u unikament minhabba li l-istess socjeta giet mizmuma milli tkompli u tlesti x-xogholijiet minhabba f'cirkostanzi u xogholijiet tar-rikorrenti stess (jew min minnhom) u / jew ta' kuntratturi ngaggjati minnhom, liema xogholijiet, minn natura taghhom stess, kellhom jitlestew qabel ma s-socjeta esponenti tkun tista' tkompli u tlesti x-xoghol. Is-socjeta esponenti tichad illi hi abbandunat ix-xoghol anzi tikkonferma illi filwaqt illi x-xoghol fil-Cutrico Showroom gie abbandunat minn AX Construction Limited, hi kompliet issisti u taghmel dak li fic-cirkostanzi setghet taghmel biex hekk kif appena tkun tista' tlesti x-xogholijiet wara li jlestu terzi li kellhom jaghmlu x-xoghol qabilha.*

*1.4 L-esponenti tichad li hi kkawzat jew rendiet ruhha responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' AX Holdings Limited u dan ghaliex hi m'ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali ma AX Holdings Limited u minghajr pregudizzju wkoll ghaliex hi ma kkawzat u mhix responsabbli ghal ebda danni. AX Holdings Limited qed tintavola din il-pretensjoni ghal danni duplikata. Fil-fatt, l-istess danni, ghall-istess raguni, huma allegatament naxxenti mill-kuntratt Dokument "A", u pretizi bl-istess mod minghand AX Construction Limited. Anke fil-konfront ta' din l-ahhar socjeta, il-pretensjoni ghad-danni qed tigi michuda ghall-istess ragunijiet li jinsabu msemmija f din ir-risposta.*

*2. __ll-fatti fir-rigward tal-pretensioni ta'AX Construction Limited__*

[3] *Vide rapport ta' Engineering Services Limited datat 11 la' Frar 2009, kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata Dokument "CS2"*

*2.1 Il-fatti premessi minn AX Construction Limited huma precizament l-istess bhal dawk ta' AX Holdings Limited u ghaldaqstant it-talbiet ta' dawn iz-zewg socjetajiet huma duplici.*

*2.2Fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafu tal-fatti ta'AX Construction Limited jinghad illi l-fatti fil-paragrafi 1.1, 1.2 and 1.3 tal-paragrafu immedjatament precedent japplikaw u dan stante li huma mutatis mutandis applikabbli ghal AX Construction Limited.*

*2.3 L-esponenti tichad li hi kkawzat jew rendiet ruhha responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' AX Construction Limited u dan ghaliex hi ma kkawzat u mhix responsabbli ghal ebda danni stante li wettqet l-obbligi taghha skond il- kuntratt u mill-aktar fis possibbli li setghet fic-cirkostanzi fuq diga deskritti u zzid illi hija hi li baqghalha tithallas il-bilanc minghand AX Construction Limited skond kif deskritt fil-kontro-talba.*

*3. Il-fatti fir-rigward tal-pretensioni ta'The Palace Operations Limited*

*3.1 Is-socjeta esponenti mhix f'posizzjoni li tkun taf il-fatti fl-ewwel paragrafu tal-premessi ta' The Palace Operations Limited.*

*3.2 Fir-rigward tat-tieni paragrafu ta' dawn il-premessi jinghad illi l-ftehim kien ma AX Holdings Limitecl u dan kif jirrizulta mid-dokument "A" anness mar-rikors guramentat.*

*3.3 Is-socjeta esponenti tikkonferma li hi obbligat ruha li tlesti u tikkommissjona x-xogholijiet miftiehma skond il-kuntratt u li dan l-obbligu kien biss fil-konfront ta' AX Construction Limited.*

*3.4 L-esponenti tichad il-fatti fit-tielet paragrafu u tikkonferma illi x-xogholijiet li kellha taghmet lil AX Construction Limited tlestew qabel is-6 ta' Frar 2009.*[4] *lx-xogholijiet ma tlestewx qabel u kif miftiehem mhix minhabba f'xi tort, nuqqas jew traskuragni mputabbli lill-istess esponenti izda biss u unikament minhabba f'cirkostanzi u xogholijiet tar-rikorrenti stess (jew min minnhom) u/ jew ta' kuntratturi ngaggjati minnhom, liema xogholijiet, minn natura taghhom stess, kellhom jitlestew qabel ma s-socjeta esponenti*

[4] *vide dokument "CS2".*

*tkun tista' tkompli u tlesti x-xoghol. ls-socjeta esponenti tichad illi hi abbandunat ix-xoghol anzi tikkonferma illi filwaqt illi x-xoghol fil-Cutrico Showroom gie abbandunat minn AX Construction Limited, hi kompliet issisti u taghmel dak li fic-cirkostanzi setghet taghmel biex hekk kif appena tkun tista' tlesti x-xogholijiet wara li jlestu terzi li kellhom jaghmlu x-xoghol qabilha.*

*3.5 Is-socjeta intimata ma tistax tkun taf personalment jekk dan il-fatt fil-hames paragrafu huwiex minnu pero certament li jekk kemm-il darba jirrizulta li s- socjeta The Palace Operations Limited ma setghetx tbiegh it-tmint ikmamar in kwistjoni, dan ma jista' b'ebda mod ikun attribwibbli lis-socjeta intimata.*

*3.6 Is-socjeta intimata tichad illi hi responsabbli ghad-danni kif allegati fis-sitt paragrafu u kif likwidati fis-seba' paragrafu tal-premessi ta' The Palace Operations Limited u dan ghar-ragunijiet diia esposti f'din ir-risposta guramentata."*

Rat il-kontro talba tal-11 ta' Mejju 2009, tas-socjeta' konvenuta Cutrico Services Limited fil-konfront ta' AX Construction Limited (a fol. 57 et seq) :

1. *"Permezz tal-ftehim li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata Dokument "A" mar-rikors guramentat, is-socjeta Cutrico Services Limited obbligat ruhha fil- konfront ta' AX Construction Limited illi tissupplixxi u tinstalla air conditioners f'The Palace Hotel, Sliema.*

2. *Ai termini ta' dan il-kuntratt is-socjeta Cutrico Services Limited ssuppliet air conditioners u nstallat l-istess f'The Palace u dan fl-ammont totali ta' €49,915.36.*

3. *Skond klawzola (e) ta' l-imsemmi ftehim, il-hlas ghal dan l-ammont dovut kellu jsir permezz ta' tpacija ma xogholijiet li AX Construction Limited kellha twettaq fil-Cutrico Showroom skond il-ftehim diga anness u mmarkat "CS1".*

4. *Madankollu, skond dan l-ahhar ftehim "CS1", kien biss "1.5% tal-valur tax-xogholijiet li AX Construction Limited kienet qed taghmel fis-showroom ta' Cutrico*

*Services Limited li kellhom jigu mpacija ma 'items of merchandise' ta' Cutrico Services Limited"*[5]*.*

5. *Ill-15% ta' l-ammont tax-xogholijiet li twettqu minn AX Construction Limited jekwivali ghal €31,942.76 u dan stante illi skond kif jirrizulta mill-ahhar certifikat tal-perit Italo Raniolo anness u mmarkat dokument "CS3", il-valur tax-xogholijiet li kienet ghamlet AX Construction Limited qabel ma abbandunat il-progett kien ta' €21,2,951.75.*

6. *Proceduri fl-arbitragg fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet ta' AX Construction Limited fis-showroom ta' Cutrico Services Limited u li jinsabu regolati fil-ftehim immarkat dokument "CS1" diga jinsabu pendenti bin-numru 1842/2009 u tpacija ta' din il-15% hija l-mertu tad-difiza u l-kontro-talba fl-arbitragg.*

7. *Filwaqt illi skond klawzola 26 tal-ftehim "CS1", kwalunkwe disputa fuq dan il-kuntratt kellha tkun risolta permezz ta' proceduri arbitrali, kif fil-fatt inbdew, il-ftehim mertu ta' dan ir-rikors guramentat u ta' din il-kontro-talba, id-dokument "A" anness mar-rikors guramentat, ma kellux tali klawzola u kwindi r-rikorrenti ressqu t-talbiet taghhom quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

8. *Skond l-imsemmi ftehim dokument "A", is-socjeta Cutrico Services Limited jibqaghlha tithallas ghall-bilanc ta' €17,973.11, mill-ammont kollu ta' €49,915.36, u dan stante li ghas-somma ta' €31,942.25 li tirrapprezenta 15% tal-valur tax-xogholijiet ta' AX Construction Limited din qieghdha tintalab li titnaqqas mis-somma allegatament pretiza minn AX Construction Limited fl-arbitragg.*

9. *L-esponenti tikkonferma li s-somma ta' €49,915.36 ghadha kollha dovuta fl- intier taghha u li minnha ma gie mnallas xejn. Intbaghtu wkoll fatturi b'talba ghall-hlas (annessi u mmarkati bhala Dokumenti "CS4" u "CS5" madankollu baqa' ma kien hemm ebda hlas.*

10. *Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, is-socjeta rikonvenzjonanta Cutrico Services Limited titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

---

[5] *Vide klawsola 2 tal-kuntratt anness u mmarkat "CS1"*

10.1 *tiddikjara illi s-socjeta AX Construction Limited hija debitrici ta' Cutrico Services Limited fl-ammont ta'€17,973.11 rapprezentanti xogholijiet ta' fornitura u installar ta' air conditioners f'The Palace, Sliema;*

10.2 *tikkundanna lil AX Construction Limited thallas lis-socjeta Cutrico Services Limited is-somma ta' €17,973.11.*

11. *Bl-imghax dekorribbli kontra AX Construction Limited skond il-Kap. 13 tal- Ligijiet ta' Malta u dan sad-data tal-pagament effettiv u wkoll bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta guramentata tad-29 ta'Mejju 2009 AX Holdings Limited, AX Construction Limited u The Palace Operations Limited ghall kontro talba ta' Cutrico Service Limited (a fol. 67 et seq.) li taqra hekk:

1. *" Illi in via preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni tiddeciedi fuq kontro-talba li l-mertu taghha ma' taqax fit-termini ta' l-Artikolu 369 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux kontestat illi s-socjeta' Cutrico Services Limited obbligat ruhha li tissuplixxi u tinstalla l-air conditioners, u dan skond il-ftehim ezibit bhala Dokument "A" mar- rikors promutur;*

3. *Illi huwa kkontestat illi il-Cutrico Services Limited ssupliet airconditioners u nstallat l-istess ai termini tal-kuntratt surreferit u skond il-ftehim bejn il-partijiet u sallum ma kkommissjonatx ix- xogholijiet kollha kif miftiehem;*

4. *Illi huwa kkontestat illi dak li l-konvenuti rikonvenzjonanti jsejjhu l- ahhar ftehim dwar hlas kien dak kontenut fil-ftehim datat 27 ta' Gunju 2008, kopja ezebita mar-risposta u mmarkata Dok. CS1. Illi semmai dan il-ftehm sar qabel dak ezebit bhala "Dokument A"'.*

5. *Illi in ogni caso ebda ammont m'hu dovut peress illi x-xoghol ma tlestiex u ma giex commissioned kif miftiehem bejn il-partijiet ghaldaqstant ma hemm ebda tpacija x'issir peress illi ebda ammont m'hu dovut favur l-konvenuti rikonvenzjonanti;*

6. *Illi f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ssib illi l-AX Construction Ltd. hija responsabbli ghall-hlas, huwa sottomess illi l-ammont mitlub mis- socjeta' rikonvenzjonanti huwa eccessiv.*

7. *Salv eccezzjonijiet ohra"*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta'Gunju 2009 fejn innominat l-Perit Tekniku Dr. Marco Ciliberti (a. fol. 70);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-19 t'April 2009 fejn innominat lil Engineer Victor Bonello (a. fol. 217a);

Rat ir-rapport ta' Dr. Marco Ciliberti u Victor Bonello minnhom prezentat fis-7 ta' Novembru 2012 u mahluf fit-28 ta' Frar 2013 u 19 ta' Settembru 2013 rispettivament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Cutrico Services Limited tat-12 ta' Frar 2014 (a fol. 594 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' AX Holdings Limited tal-24 ta' Frar 2014 (a fol. 600 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda t'Angelo Xuereb Chairman u CEO tat-tlett socjetajiet attrici - vide xhieda fol. 286 et seq, jirrizulta illi l-kawza tirrigwarda kuntratt illi mieghu huma marbuta zewg kuntratti ohra, cioe il-kuntratt bejn AX Constuction Limited u The Palace Operations Limited li permezz tieghu AX Constructions Limited kienet giet inkarigata tesegwixxi xogholijiet ta'

*furnishing* ta' l-annex tal-lukanda The Palace sa mhux aktar tard mill-ahhar tas-sena 2008 u kuntratt l-iehor bejn AX Holdings Limited u Cutrico Services Limited li kien jirrigwarda l-fornitura u l-installazzjoni ta' sistema ta' arja kundizzjonata, liema sistema kienet intiza ghall-annex tal-istess lukanda. Xuereb xhed illi dan l-ahhar kuntratt jorbot lil AX Construction Limited ukoll.

Angelo Xuereb ikkonferma illi dak iz-zmien AX Construction Limited kienet giet inkarigata taghmel xi xoghol fis-*showroom* tas-socjeta' Cutrico Services Limited f'Santa Venera u fost affarijiet ohra kienet giet imposta kundizzjoni li 15% tal-valur tax-xogholijiet jigi pacut mal-valur tal-kuntratt ghall-fornitura u installazzjoni tas-sistema ta' arja kundizzjonata fil-lukanda The Palace u f 'dan il-kuntest AX Construction Limited fadlilha tiehu minghand Cutrico Services Limited is-somma ta' €134,993 bhala bilanc dovut sat-12 ta' Marzu 2009 fir-rigward tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni.

Huwa jippreciza illi l-kuntratt dwar il-fornitura u l-installazzjoni tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata kien ikopri tmien "executive suites" li jinkrew b' rata medja ta' €150 kull lejl ghal kull kamra, liema figura ma tinkludix introjtu iehor minn infieq li jsir fil-lukanda minn dawk li jkunu qed jokkupaw tali kmamar.

Zied jghid illi qabel ma gie ffirmat il-kuntratt a fol.12 et seq. huwa kien talab lil Cutrico Services Limited sabiex jaghtuh stima tax-xogholijiet fuq *bill of quantities* rigward x-xogholijiet. Huwa xehed illi kien avza lil Cutrico Services Limited illi l-konsulenti teknici fuq il-progett kienu Mediterranean Technical Services Limited. Skond il-kuntratt, ix-xogholijiet kellhom jitlestew minn Cutrico Services Limited sat-18 ta' Dicembru 2008,u dan kien jikkonkludi ukoll il-verifiki li kellhom iwwettqu Mediterranean Technical Services (*commissioning*).

Angelo Xuereb xhed illi l-haddiema ta' Cutrico Services Limited kienu jattendu fuq ix-xoghol sporadikament u li kemm hu personalment, kif ukoll l-lnginer John Barbara kienu jcemplu lil Joe Said ta' Cutrico Services Limited, sabiex ihegguhom ikomplu bix-xogholijiet. *"Madanakollu kienu jigu b'hafna tqanzih u skuzi."* – vide fol 287. Jghid ukoll illi Joe Said kien jidderigih ikellem lil Gino Cutajar.

Angelo Xuereb xhed illi fis-27 ta'Jannar tas-sena 2009 il-konsulenti teknici Mediterranean Technical Services kienu hargu *payment certificate on account* fis-somma ta' €35,725.79 inkluzi VAT, li mieghu gie anness dokument konsistenti f'*payment request* da parti ta' Cutrico Services Limited li kien jinkludi hlas ghal xogholijiet li lanqas biss kienu gew ezegwiti, bhal perezempju *item* 326.0 fir-rigward ta' liema, Cutrico Services Limited kienu qeghdin jirreklmaw il-hlas ta' 50% tal-valur meta x-xogholijiet ma kienux twettqu afattu kif jidher mill-annotazzjoni "0%",indikata mill-konsulenti teknici.

In segwitu, fl-24 ta' Frar 2009 kienet intbaghtet ittra li permezz taghha gie enfasizzat illi x-xoghol ma kienx tlesta u li ma kienux gew ipprovduti bi pjanti tax-xoghol *as fitted*, minghajr liema pjanti, s-sistema ma' setghetx tigi kkummissjonata. Jghid illi inoltre Cutrico Services Limited kienu talbu l-hlas ta' €300 sabiex jipprovduhom f'verzjoni elettronika tal-pjanti tax-xoghol *as fitted.* Kien hemm oggezzjoni dwar din it-talba ghall-hlas u ghalhekk l-pjanti baqghu ma nghatawx lilhom.-Vide Dok. AX2 u AX3 a fol. 291 u 292 rispettivament.

Jghid illi fil-frattemp ix-xogholijet ma' tkomplewx u dan ghal diversi skuzi, bhal per ezempju li ma kienux provdewhom bi provvista ta' l-elettriku, meta il-lukanda kienet ilha topera mis-sena 2007 u dawl kien hemm. Jghid illi f'okkazzjonijiet ohra, Cutrico Services Limited kienu qalulhom illi kien hemm haddiema ohra jahdmu, li qed jimpedixxu lil Cutrico milli jkomplu bix-xogholijiet, haga li Xuereb innega. Sa Marzu tas-sena 2009, is-sistema kienet ghadha ma gietx kummissjonata u sallum il-gurnata jonqos ic-certifikazzjoni da parti tal-konsulenti teknici tas-sistema.

Xuereb xhed illi huwa ma kienx jafx x'tip ta'*testing* twettaq fuq is-sitema tal-arja kundizzjonata minn Cutrico Services Limited ghax qatt ma rceva rizultati ta' dawn it-*tests* jekk saru; dana minkejja illi Gino Cutajar ghall-Cutrico Services Limited kien konxju tal-ezistenta tal-konsulenti teknici (Mediterranean Technical Services) inkarigati mis-socjetajiet attrici.

Xuereb insista illi s-sistema ma gietx ikkummisjonata, ma gew provduti *manuals*, jew garanziji, jew *as fitted drawings* u li ghalhekk *payment certificate* da parti ta' Mediterranean Technical Services Limited ma nhargix. Xuereb xhed illi Gino Cutajar kien agixxa b'dan il-mod ghaliex allega li x-xogholijiet fuq is-*showroom* ma tlestewx.

Angelo Xuereb in kontro-ezami a fol. 462 et seq. xehed illi d-dokumenti esebiti bhala Dok. GC1 sa GC4 jirriflettu l-arrangament shih bejn is-socjetajiet u li t-talba ghall-penali minhabba tardivita kienet bbazata fuq il-ftehim immarkat Dok. GC4 li stabilixxa d-data tat-18 ta' Dicembru 2008 bhala il-*completion date* u prefigga penali ta' €150 kuljum fin-nuqqas. Xuereb ikkonfenna ulterjorment it-tpartit u t-tpacija li kellu jsir sal-valur ta' l5% tax-xogholijiet esegwiti minn AX Construction Limited fis-*showroom* ta' Cutrico. Dwar ir-relazzjoni bejn Mediterranean Technical Services u Cutrico, Xuereb ma qabilx li ma kienx hemm relazzjoni diretta bejniethom u dan ghaliex kien idderigihom jigbru pjanti minghand l-istess socjeta' bhala l-konsulenti teknici taghhom u kkonferma illi Cutrico dejjem ssottomettewhom direttament lil AX Construction Lmited minghajr l-intervent ta' Mediterranean Technical Services u li AX Construction kienet accettathom direttament. Rinfaccat bid-dikjarazzjoni tieghu illi Cutrico Services Limited setghet tlesti x-xogholijiet sat-18 ta' Dicembru 2008 u rinfaccat bix-xhieda kuntrarja: ta’ Jonathan Sammut tal-MTS li xehed illi l-*commissioning* ma setghax isir qabel ma jitlesta l-elettriku; fid-dawl tal-fatt illi l-cable ta' l-elettriku mill-Megaline tlesta biss f’Jannar jew Frar 2009 skond x-xhieda ta Joseph Vassallo; fid-dawl tal-fatt illi Engineering Services Limited fl-20 ta' Jannar 2009 irraportat illi kien ghad jonqos zebgha u provvista ta' elettriku; u fid-dawl tal-fatt illi John Barbara jikkonferma li s-*supply* ta' l-elettriku tlesta fis-27 ta'Jannar 2009; **Xuereb insista illi l-lukanda The Palace kienet ilha topera sa mis-sajf tas-sena 2007, izda li l-Annexe ma kienx operattiv.** Inoltre, illi provvista ta' dawl kienet disponibhli, u ghalhekk illi commissioning u testing seta' sar permezz ta' *supply* temporanju ghal dan il-ghan. Huwa jzid jghid illi dan it-*temporary supply* seta' kien ta' qawwa li kien hemm bzonn ghaliex dan jiddependi biss fuq il-hxuna tal-*cable* li seta' jigi provdut f’temp ta' gurnata.

Jonathan Sammut, Inginier mas-socjeta' Mediterranean Technical Services Limited, xhed a fol. 304 et seq, 312 et seq. u 315 et seq., illi s-socjeta kienet responsabbli ghad-disinn tas-servizzi tal-progett, il-produzzjoni ta' *specifications, bill of quantities* u *drawings* sabiex tkun tista' tinhareg *tender* fir-rigward tax-xogholijiet. Wara li jigu ricevuti offerti u jigi maghzul kuntrattur, l-istess socjeta’ kienet responsabbli sabiex tesegwixxi x-xogholijiet ta’supervizzjoni, certifikazzjoni ta' certu xogholijiet konsistenti f’*buildings services* u *witness of commissioning* u *final measurement of works executed*, il-kejl ta' liema jibqa' responsabilita' tal-kuntrattur.

Jispjega illi bhala prassi, l-kuntrattur iressaq talba ghal hlas permezz ta' *request for payment*, liema talba tigi verifikata fis-sens illi l-kwantita' u l-prezz huma gusti, ghalhekmm fir-rigward tal-kwantijatijiet din il-verifika kienet issir ma' l-ahhar talba ghall-hlas. Sammut xhed illi kemm il-darba jirrizultaw diskrepanzi, dan jigu annotati fuq ir- *request for payment* u jigi certifikat il-pagament hekk rivedut.

Fir-rigward tax-xogholijiet fdati lis-socjeta' konvenuta, jghid illi huwa kien mar xi darbtejn fuq is-sit jispezzjona x-xoghol li kien qieghed jigi esegwit mis-socjeta' konvenuta. Huwa jaghmel referenza ghal Dok. AX1, liema dokument igorr il-firma tieghu, liema dokument kien originarjament imhejji minn Cutrico Services Limited u annotat minn Mediterranean Technical Services Limited, liema annotazzjonijiet ikunu saru wara verifiki fuq is-sit tax-xoghol. Huwa jispjega li per ezempju, f' item 317, illi filwaqt li l-kuntrattur pretenda li x-xoghol kien 50% komplut, huwa kien sab illi x-xoghol ma kienx inbeda, izda jzid jispjega illi l-kuntattur ikollu dritt li jirreklama 50% tal-prezz jekk il-materjal ikun fuq is-sit izda mhux installat. Sammut sostna illi ix-xoghol da parti ta' Cutrico Services Limited ma kienx tlesta sal-5 ta' Jannar 2009 u dan ghaliex li kieku kien lest kien jinhareg certifikat finali filwaqt li jzid jghid illi sa fejn jista' jiftakar ma nharigx certifikat iehor wara dak esebit bhala Dok. AX1. Jghid ukoll illi fil-presenza ta' rapprezentant tal-kumpannija tieghu, qatt ma sar *commissioning* tas- sistema ta' l-arja kundizzjonata. Zied ighid, illi huwa la kien prezenti waqt xi *testing* li seta' sar fuq is-sistema u li lanqas ma kien rcieva xi rapport minghand Cutrico Services Limited fir-rigward ta' *testing* li seta' sar, u ma rcevew ebda *as fitted drawings* jew *manuals* relattivi ghas-sistema. Sammut sostna illi hija prassi li s-sistema tigi kummissjonata u cioe li jsir *testing* u "setting the system to work" , izda ppreciza illi n-nuqqas tal-presenza taghhom ma fissirx li l-kuntrattur ma jkunx f'qaghda li ghamel dan. Sammut sostna illi l-kuntrattur kien obbligat jikkonsenja *commissioning certificate* u *as fitted drawings*.

In kontro ezami Sammut xhed, illi Mediterranean Technical Services kienet involuta fil-*building services design* tal-lukanda The Palace intiera inkluz l-annex u kien jinkludi ovvajament is-sistema ta' l-arja kundizzjonata fl-istess annex. **Jghid ukoll illi Cutrico Services Limited ma kienetx ippartecipat fis-sejha ghall-offerti.** Ippreciza illi d-disinn tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata kienet giet imhejjija minn Mediterranean Technical Services u li inizjalment kienu sabu naqra diffikulta' li jghatu kopja ta' dawn id-disinni lil Cutrico Services Limited peress illi ma kellhomx sehem minn dan il-progrett, madanakollu Angelo

Xuereb kien taghhom struzzjonijiet sabiex kopja ta' dawn id-*designs* tinghata lil Cutrico Services Limited, ma liema struzzjonijiet huma mxew.

Sammut xhed, illi ma kienx jaf illi Cutrico Services Limited kienu ssottomettew disinn differenti minn dak propost fis-sejha ghall-offerti, izda kien nnota illi kien qieghed isir xoghol differenti minn kif iddisinjat minn Mediterranean Technical Services meta segwa x-xogholijiet.

Fir-rigward ta' Dok. MA2 Sammut xhed illi din l-*invoice* kienet inharget bi zball minn Mediterranean Technical Services lil Cutrico Services Limited. Huwa jispjega illi parti mill-drittijiet professjonali taghhom jikkonsistu f'percentwali ta 1%, madanakollu jikkoncedi illi kontenut ta' l-ittra ta' Gino Cutajar kienet gustifikata stante illi huma ma kellhom ebda ftehim ma' Cutrico Services Limited. **Sammut xhed illi ma kienx jaf l-obbligi ta' Cutrico fil-konfront taghhom ghaliex il-ftehim ma Cutrico sar minn Angelo Xuereb direttament.**

Mill-banda l-ohra, l-obbligu ta' Mediterranean Technical Services fir-rigward tax-xogholijiet li kienu qed isiru minn Cutrico, kien li fl-interess tal-klijent, jaraw li x-xoghol kien qieghed isir tajjeb u wkoll li jikkwantifikaw x-xogholijiet li jkunu saru u jaghtu valur gust tal-installazzjoni li saret minn Cutrico Services Limited, a bazi tad-disinn originali li hejjew Mediterranean Technical Services.

**Sammut xhed li ma kienx hemm provvista ta' dawl fl-annex fil-5 ta' Jannar 2009.** Jispjega illi dawl, suffit u finishes kienu mibdijin u kien hemm progress sufficjenti pero **ma kienux kompluti**. Fir-rigward tal-sistema ta' l-arja kundizzjonata jghid illi l-*power* ghal din is-sistema ma kienx lest kollu. Jirritjeni ulterjorment illi fl-istat li kienu xogholijiet ohra, **Cutrico Services Limited ma kienetx f'qaghda li tesegwixxi xogholijiet li kellha taghmel mija fil-mija.**

B'referenza specifika ghal Dok. AXl(C), Sammut xhed, b'referenza ghal xoghol li jgib referenza 309.0, illi huwa kien iccertifika illi dan ix-xoghol kien tlesta 80% minnu, filwaqt li s-socjeta' konvenuta kien resqet talba ghal hlas bi percentwali ta' 95%. Huwa sostna illi sabiex wasal ghal tali percentwali, jezistu certu linji gwida, u li c-cifra ta' 80% wasal ghalija skond stima tieghu u skond proceduri adottati minn Mediterranean Technical Services. B'referenza ghal Dok. AX1(A) mbaghad Sammut spjega illi d-differenza ta' circa €1,500, li

tekwivali ghal 20% tal-prezz indikat fuq Dok. AX1(C), kien jirraprezenta il-valur tax-xogholijiet fil-kolonna intestata "comments".

B'referenza partikolari ghal provvista ta' dawl taht l-intestatura "connecting of power" l-Inginier Sammut xhed illi ma jaqbilx kompletament ma dak suggerit lilu illi fil-5 ta'
Jannar 2009 ma kienx hemm tali provvista. Huwa jispejga illi hafna mix-xoghol f'dan ir-rigward kien sar izda ma jitftakarx jekk kienetx tlestit it-"termination" tieghu, ghalkemm jiftakar illi din il-problema kienet issemmiet. Jippreciza illi uhud mid-***double pole switches* relevanti ghal item 318 indikat f Dok. AX1(A) ma kienux kollha f'posthom,** filwaqt li jghid li dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-'outdoor unit". Sostna pero' illi l-installazjoni interna kienet fil-maggior parti taghha kompluta **izda li kien hemm il-"link" bejn l-*outdoor* u l-*indoor units* neqsin.** Fir-rigward tal-percentwali li huwa kien iccertifika, jippreciza illi, mill-20% tax-xoghol li kien jonqsu jsir, 10% kien jirraprezenta *commissioning* tas-sistema u ghalhekk ix- xoghol pendenti huwa kien stmah **bhala 10% tat-total**. Dan fisser illi r-rimanenti xogholijiet, b'eccezzjoni tal-*commissioning* u "connecting of power", **kienu jirrikjedu madwar jumejn xoghol bi tnejn minn nies-** vide fol. 313 u 314.

L-Ingineer Sammut saritlu wkoll referenza ghal item 311 u sostna illi sikkome ma kienx jaf il-kontenut tal-kuntratt, huwa ma kienx f'qaghda jghid jekk l-istess socjeta' kienetx obbligata taghmel "pressure test" tas-sistema.

Huwa jispjega ukoll illi kien inhareg *certificate of completion* wiehed, f' Novembru tas-sena 2009 li kien jirreferi ghal-progett fl-intier tieghu**. Jghid ukoll illi kien ghal habta ta' nofs is-sena 2009 li kienet tlestiet is-sistema ta' l-elettriku – vide fol. 315.**

**Huwa kkonferma illi *commissioning* ma setghax isir qabel tlestiet is-sistema ta' l-elettriku.**

B'referenza mbaghad ghal *items* immarkati bin-numri 316,317,326,333, 334 u 335 l- Inginier Sammut xehed illi huwa jkun ivverifika mal-persuna responsabbli fuq is-sit dwar jekk l-oggetti ikunux tassew twasslu fuq is-sit. Di piu' xhed, u dan b'referenza ghal item 319, illi s-sistema ma kienetx tirrikjedi *refrigerant piping* u ghalhekk r-referenza ghal *refrigerant piping* kienet zbaljata.

L-Ingineer Sammut xhed illi in segwitu tal-5 ta' Jannar 2009, huwa ma kienx mitlub jaghmel verifiki minn Angelo Xuereb jew is-socjetajiet attrici, dwar ix-xogholijiet ta’Cutrico Services Limited.

L-lnginier Joseph Vassallo, impjegat ma' Megaline Limited, liema socjeta’ kienet il-kuntrattur principali ghax-xogholijiet ta' eletriku, inginerja, mekkanika u arja kundizzjonata fil-lukanda The Palace. Huwa jghid li meta nghata bidu ghax-xoghol kien hemm provvista ta' dawl temporanja li kienet intiza ghat-*tower crane* fuq is-sit. Waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet, kienet gie kummissjonata s-*sub-station* tal-progett u dan sar bejn Awwissu u Settembru 2007.

Huwa sostna pero illi fl-Annexe ma kienx hemm provvista ta' dawl u li l-provvista kienet tasal biss sal-*plant room* adjacenti ghall-Annexe. Kien hemm *extensions* li kienu jintuzaw mill-haddiema izda dawn ma kienux potenti bizzejjed ghas-sistema ta' l-arja kundizzjonata. Mistoqsi setghax sar il-*commissioning* tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata, l-Ingineer Vassallo xhed illi dan seta' biss ikun possibbli kemm-il darba tqieghed "cable" mill-"plant room" ghall-Annexe. It-tqeghied ta’ dan il-*cable* kienet responsabilita’ ta’ Megaline Limited u dan il-*cable* tpogga f’Jannar jew Frar tas-sena 2009 – vide fol. 318.

Raymond Sant, a fol. 320, *maintenance manager* tal-lukandi Victoria u The Palace mis-7 ta' Novembru 2009, xhed illi s-sistemi ta' l-arja kundizzjonata f’dawn il-lukandi u l-Annexe taqa' taht ir-responsabilita' tieghu. Huwa jghid illi kienu gew installati sistemi fi tmien t'ikmamar ta' l-Annexe u zewg *units* ohra ghal kull wiehed minn zewg kurituri u li ghalhekk b’kollox gew installati 12 il-*unit*.

Gino Cutajar, Direttur tas-socjeta konvenuta Cutrico Services Limited (fol. 89 et seq) spjega illi AX Construction Limited kienet giet inkarigata tesegwixxi xogholijiet fis-*showroom* tas-socjeta' konvenuta f’Santa Venera konsistenti fil-bini ta' sulari addizzjonali ghal valur ta' €245,872.65 filwaqt li Cutrico kellha tinstalla sistema ta' arja kundizzjonata fil-lukanda The Palace, Sliema. Kien gie miftiehem illi 85% mill-valur tax-xogholijiet li AX Construction kienet giet ingaggata taghmel, kellha tithallas fi flus kontanti, filwaqt li l-bilanc ta' 15% kellu jigi patwit ma' merkanzija li kienet ser tigi provduta minn Cutrico Servicves Limited, u dana skond il-kuntratt tas-27 ta' Gunju 2008. Fir-rigward tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata, meritu ta' zewg kuntratti ohra, Gino Cutajar xehed illi ghal habta ta' Settembru 2008 huwa

kien gie avvicinat minn Angelo Xuereb li kien talbu stima ghal din is-sistema, intiza ghall-Annex tal-lukanda The Palace Hotel u li in segwitu kien baghtlu zewg *quotations* filwaqt li kien intlahaq qbil fuq il-*quotation* datata tad-19 ta' Settembru 2008 li ghandha referenza 6013/090708/JS/3, liema stima kienet giet kkonfermata minn AX Construction Limited fit-22 ta' Settembru 2008 - vide Dokument "GC3" u "GC4".

Jghid ukoll illi in segwitu, u cioe fis-7 ta' Ottubru 2008, is-socjeta' konvenuta kienet giet ingaggata tinstalla *air conditioning unit* fid-*dishwasher room* ta' l-istess lukanda kif jirrizulta mill-istima datata 7 ta' Ottubru 2008 li ggib riferenza numru 6089/071008/JS/1 , liema stima giet accetata permezz ta' *purchase order* mahruga minn AX Construction Limited fl-istess gurnata – vide Dok. GC1 u GC2.

Skond il-ftehim, il-hlas kellu jsir permezz ta' tpartit ma xogholijiet li kienu qeghdin isiru fis-*showroom* tas-socjeta' konvenuta. Il-valur ta' din is-sistema fid-*dishwasher room* kien ta' €1,017.24 inkluzi t-taxxa fuq il-valur mizjud. Dwar il-*completion date*, Cutajar xhed illi x-xoghol kellu jitlesta sat-18 ta' Dicembru 2008 u fin-nuqqas Cutrico Services Limited kellha thallas penali ta'€ €l50 kull jum ghal kull gurnata ta' dewmien. Madanakollu kien wkoll gie miftiehem illi: ***"Any delays or stoppages of work caused by third parties or happenings beyond the control of Cutrico Services Limited will be added to the final date of commissioning."***- Vide fol. 106.

B'referenza ghal-ftehim tat-22 ta'Ottubru 2008, Cutajar esebixxa **il-kuntratt fl-intier tieghu,** flimkien ma' skambju ta' korrispondenza li kienet tifforma parti mill-ftehim.

Gino Cutajar ikompli jispjega illi t-*tender* ghax-xogholijiet kollha fil-lukanda The Palace, inkluz dawk ix-xogholijiet li s-socjeta' konvenuta kienet giet ingaggata tesegwixxi, **kien gie moghti lil kumpannija ohra** u li huwa kien induna b' dan ghaliex qabel ma nghata bidu ghax-xoghol, Angelo Xuereb kien talbu jigbor il-pjanti minghand il-Mediterranean Technical Services Limited Ii kienu l-konsulenti fuq il-kuntratt kollu tal-lukanda The Palace. Huwa hass li Mediterranean Technical Services kellhom xi ftit diffikulta li jghaddu dawn id-*drawings* lis-socejta' konvenuta ghaliex ma kienux gew infurmati bl-involviment tas-socjeta' konvenuta u li sa fejn kienu edotti huma, s-socjeta' konvenuta ma kienetx rebhet is-sejha ghall-offerti, tant illi Mediterranean Technical Services kienet ikkonfermat direttament ma Angelo Xuereb li setghu jipprovdulhom kopja tal-pjanti, wara liema konferma, Mediterranean Technical

Services kienu provdew **parti minn pjanta** li ma kellhiex it-timbru ta' Mediterranean Technical Services, kopja ta' liema pjanta giet esebita bhala Dok. GC5.

Kif jidher mill-kuntratt, il-ftehim bejn Cutrico Services Limited u AX Construction Limited kien wiehed dirett u li ghalhekk Mediterranean Technical Services ma kienux involuti fih. Ergo s-socjeta' konvenuta ma kienitx marbuta b'ebda kundizzjoni ma l-MTS jew marbuta b'xi kundizzjonijiet ohra li seta' kien hemm fit-*tender* originali. Cutajar sostna illi s-socjeta' konvenuta kienet qablet specifikatament ma AX Construction Limited **fuq disinni differenti** li kienu jvarjaw minn dawk li kienet harget Mediterranean Technical Services, bhal per ezempju, l-*air handling units,* (li skond il-pjanta provduta minn Mediterranean Technical Services kellhom isiru fuq il-bejt) li effettivament saru izghar, u tpoggew f'kull sular, u dan oltre tibdil fil-*layout* tas-sistema.

Cutajar jghid illi x-xoghol kien inbeda fit-22 ta' Settembru 2008 u esebixxi dokument mmarkat bhala Dok. GC6 li juri l-granet li fihom impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu qeghdin jesegwixxu xogholijiet fuq is-sit, **liema dokument jindika r-ragunijiet ghaliex f'certu granet ma setghux jahdmu minhabba li terzi ma kienux lestew xogholijiet li kienu essenzjali qabel s-socjeta' konvenuta setghet tesegwixxi x-xogholijiet taghha.**

Dwar ix-xoghol fil-lukanda Gino Cutajar jghid b'mod generali illi l-andament tax-xoghol kien bil-mod. Xehed illi x-xoghol jibda billi l-ewwel jitwahhhal il-*unit* ta' l-*air conditioning* bid-*ducting* b'kollox, isiru l-pajpijiet tad-*drain*s, tal-gas u jitpoggew wkoll id-*double pole switches* u dawn iridu jinghataw il-provvista ta' l-elettriku mill-*main distribution panel.* L-*isolator switch* relattiv ghall-*outdoor unit* kellu wkoll jinghata l-provvista ta' l-elettriku, jsir is-suffitt li jahbi l-*indoor unit,* li jkun jehtieg li jitkahhal, jinzeba, u jsirulu t-toqob sabiex fl-ahhar nett jitwahhlu l-*grilles*. Cutajar xhed illi filwaqt li s-socjeta' konvenuta kellha twahhal l-*air conditioning units* bid-*ducting* u l-pajpijiet rilevanti, **x-xoghol ta' l-elettriku u tal-*gypsum* fis-suffitt, inkluzi t-toqob, kellhom isiru minn terzi**. Wara li jsiru dawn ix-xogholijiet, is-socjeta' konvenuta kien jonqosha twahhal il-*grilles,* jigu konnessi mad-*double pole switches* u tinxtghel is- sistema.

Minkejja illi twahhlu l-*air conditioning units* u d-*ducting* u gew ittestjati il-pajpijiet tal-gas, ebda xoghol iehor ma seta' jsir qabel tlesta' x-xoghol tal-*gypsum*, tant illi il- gurnata tat-18 ta' Dicembru 2008, u cioe d-data li fiha s-sistema kellha tigi kummissjonata, ghaddiet minghajr

ebda ahbar minghand AX Construction Limited. Cutajar xhed illi lejn l-ahhar tas-sena 2008 u l-bidu tas-sena 2009 kien inqala dizigwid rigward il-kuntratt tax-xogholijiet fis-*showroom* tas-socjeta' konvenuta, meta kienu soffrew perkolazzjoni ta' ilma fis-*showroom* u zammew lil AX Construction Limited responsabbli ghal hsarat. Kien l-ghada li Angelo Xuereb permezz ta ittra qalilhom li kienu tardivi fix-xogholijiet t'The Palace Hotel u li ghalhekk kien ser jaghmel talba ghad-danni minhabba l-allegat dewmien.

Kien ghalhekk illi Cutajar kien talab lill-impjegati tieghu jinfurmawh dwar l-andament tax-xoghol u kien anke acceda personalment fil-lukanda The Palace. Cutajar ikkonferma li x-xoghol ma setghax jitkompla sakemm kuntratturi ohra ma jlestux il-parti taghhom tax-xoghol ta' elettriku u *gypsum*. Ghalhekk huwa kien skambja *emails* ma' Angelo Xuereb tant illi b'risposta ghall-*email* tas-socjeta' konvenuta tal-5 ta'Jannar 2009 AX Construction Limited fis-6 ta' Jannar 2009 irrispondiet billi infurmat lis-socjeta' konvenuta li setghet tikkummissjona x-xoghol meta dan ma kienx possibbli. Cutajar ghamel referenza ghal Dok. MA1 illi permezz tieghu l-lnginier **Jonathan Sammut ta' Mediterranean Technical Services stabbilixxa illi f'dik id-data *"few areas have been closed off with false ceilings"* u li ghalhekk jirrizulta li x-xoghol tal-*gypsum* ma kienx tlesta fl-intier tieghu.** Jghid illi in vista ta' kif svolgew l-affarijiet, **huwa kien jibghat impjegat bejn wiehed u iehor kuljum sabiex jaraw jekk kienx tlesta x-xoghol ta' l- elettriku u l-*gypsum***. Ghall-istess ragunijiet s-socjeta' konvenuta kienet ingaggat s- servizzi ta' Engineering Services Limited sabiex ihejji rapport dwar l-istat li x-xogholijiet kien jinstabu fih, kopja ta' **liema rapport datat 13 ta' Jannar 2009 hija esebita bhala Dok. GCB, u skond liema rapport l-elettriku u l-gypsum fil-jum tad-9 ta' Jannar 2009 ma kienx lest.** L-inginier Silvio Aquilina ghal Engineering Services Limited kien rega' acceda fuq is-sit fl-20 ta' Jannar 2009 u rraporta illi fil-Livell Numru 1 t-toqob tal-*grills* kienu ghadhom mhumiex lesti, illi s-soffitt ma kienx mizbugh u illi l-elettriku ma kienx lest, filwaqt li fil-Livell numru 2 lanqas ma kienx hemm l-elettriku sabiex ikunu jistghu jixeghlu s-sistema. Cutajar ghamel accenn ukoll ghall-korrispondenza bejn Joe Said ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u John Barbara ghan nom ta' AX Construction, il-kontenut ta' liema Angelo Xuereb njora meta nforma lis-socjeta' konvenuta li setghet tkompli bix-xoghol.

**Cutajar sostna illi s-sistema tlestiet fil-bidu ta' Frar tas-sena 2009 u fis-6 ta' Frar 2009 nxteghlet is-sistema, kif jirrizulta minn dokumenti mmarkati GC13 u kif certifikat mill-**

**Inginier Silvio Aquilina. In segwitu, fis-6 ta' Marzu 2009, l-Inginier John Barbara kien rcieva l-*handover manuals* u l-garanziji.**

Ighid ukoll illi l-inginier Jonathan Sammut ta' Mediterranean Technical Services kien acceda fuq is-sit sabiex jiccertifika x-xoghol esegwit mis-socjeta' konvenuta, izda li dan kollu kien stramb in vista tal-fatt illi huma ma kellhom l-ebda relazzjoni ma' Mediterranean Technical Services. Infatti din ta' l-ahhar lanqas kellha kopja tad-disinn tas-socjeta' konvenuta li fuqha l-Inginier Sammut setgha jiccertifika x-xogholijiet, u ghalhekk anke talba ghal hlas mibghuta minn Mediterranean Technical Services lil Cutrico Services Limited giet kancellata. Ic-certifikat tal-lnginier Sammut huwa esebit u mmarkat Dok. AX u li fih hemm indikat somma differenti mit-tieni *payment application* li s-societa' konvenuta kienet baghtet lil AX Construction. Cutajar  jikkritika lill-Inginier Sammut anke ghal fatt illi kien tnaqqas 10% rapprezentanti *commissioning* stante illi provvista ta'l-elettriku ma kienx hemm u anke ghaliex l-*assessment* tieghu kien wiehed soggettiv u li ma jirrispekkjax il-ftehim bejn is-socjetajiet. Cutajar in konkuzzjoni jirreferi ghal kull *item* tal-*Bill of Quantities* u jaghti spjega fejn qabilx mal- konkluzzjonijiet ta' l-lnginier Sammut.

Dwar il-kontro-talba Gino Cutajar jghid illi din saret fl-ammont tal-proceduri ta' arbitragg mibdija minn AX Construction Limited kontra Cutrico Services Limited, AX Construction qeghda tippretendi hlas ta'€ €134,993, liema somma mhux talli mhijiex dovuta izda talli tressqet kontro-talba kontra AX Construction Limited. Jaghmel ghalhekk referenza ghall-fatt illi 15% tal-valur tax-xoghol li wettqet AX Construction Limited fis-*showroom* ta' Cutrico Services Limited kellu jigu pacut mas-sistema ta' l-arja kundizzjonata. Jghid illi dawn il-15% tal-valur jekwivalu ghal €37,942.25,u cioe huwa 15% € ta’ €21,2,951.75, u cioe l-ammont ta' xoghol li sar minn AX Construction Limited skond ir-raba' u l-ahhar *payment certificate*, liema ammont ghandu jitnaqqas mis-somma li AX Construction Limited tippretendi fil-proceduri fl-arbitragg u li ghalhekk jibqa' bilanc ta' € €17,973.71li huwa dovut lil Cutrico abbazi tal- kuntratt li permezz tieghu Cutrico giet inkarigata tistalla l-*air conditioning* f’The Palace, liema bilanc ma setax jigi mitlub fil-proceduri ta' l-arbitragg u mnaqqas mis-somma li qed titlob AX Construction Limited ghax-xogholijiet li wettqet.

Fl-ahharnett  Cutajar  xhed illi Cutrico ma kellhiex tigi kkundannata thallas penali ghaliex fis-6 Frar 2009, u cioe meta gew finalizzati x-xogholijiet minn Cutrico, **il-kmamar ta'l-Annex**

**ma inkrew ghaliex kien jonqos tibjid u ghamara li kienet kollha nieqsa,** u ghalhekk li ma kienux l-*air conditioning units* li zammew il-kiri ta' dawn il-kmamar.

In kontro-ezami, Gino Cutajar ikkonferma illi huwa mar bejn 6 u 10 darbiet fuq is-sit u beda jmur meta ghal habta ta' Jannar 2009 meta rcieva l-ittra minghand Angelo Xuereb dwar ix-xogholijiet tardivi u ghalhekk seta' jivverifika direttament l-istat tax-xogholijiet.

Cutajar ikkonferma illi Angelo Xuereb kien avzah illi dan kien *fast track project*, u ghalhekk, kien ta bidu ghax-xoghol fit-tmienja ta' filghodu tal-gurnata li fih kien gie iffirmat il-kuntratt. Jghid ukoll illi huwa kien jaf illi l-lukanda kienet operativa, izda mhux l-Annexe.

Mistoqsi qattx talab *temporary supply* ghal finijiet ta' *commissioning*, Gino Cutajar jghid li ma kienx obbligat jaghmel dan u li l-*commissioning* sar meta l-elettriku tlesta minn terzi, **filwaqt li jenfasizza illi *commissioning* fuq *temporary supply* ma jistghax jsir, u jaghmel referenza ghal Dok. GCZ1 li jindika r-*responsabilities* ta' Cutrico u dawk ta' terzi.**

Mistoqsi inoltre dwar jekk il-*commissioning* kienx fil-fatt sar fuq *temporary supply* Cutajar sostna, ili dan is-*supply* ma kienx gie offrut qabel it-2 ta' Frar 2009, u li l-*commissioning* sar fis-6 ta' Frar 2009 u li fuq struzzjonijiet ta' Angelo Xuereb kienu anke wahhlu *grilles* fuq suffit li kien mhux mizbugh.

Cutajar xhed illi s-socjeta' Cutrico Services Limited  kien inkariga lil Inginier Silvio Aquilina sabiex ihejji *status report* meta Angelo Xuereb kien allega it-tardivita fix-xogholijiet.

Gino Cutajar xhed illi fis-6 ta' Marzu 2009 kien rnexxilu jghaddi ir-rapport, il-*handover manuals* u l-garanziji lill-Inginier Barbara.

Illi fir-rigward ta' hlasijiet ghal xogholijiet li saru fis-*showroom* ta' Cutrico, Cutajar sostna illi kull certifikat li nhareg sas-16 ta' Dicembru 2008 thallas.

Silvio Aquilina, Senior Engineer ma' Engineering Services Limited ikkonferma l-kariga moghti lilu minn Cutrico Services Limited sabiex jhejji *status report* dwar  l-installazzjoni f zewg *areas* partikolari ta' The Palace u cioe Level 1 u Level 2, fejn huwa kien acceda tlett darbiet. L-ewwel darba u cioe' fid-9 ta' Jannar 2009  rrizulta illi l-installazzioni ta'l-*air*

*conditioning* u *ventilation system* kienet lesta sa fejn ix-xoghol vis-a-vis il-finishes seta' jippermetti, **filwaqt li l-provvista ta' l-elettriku ma kienetx tlestiet.** F1-20 ta' Jannar 2009 rrezulta illi s-soffitt f Level 1 kien tlesta izda l-**provvista ta' l-elettriku kienet ghada ma gietx installata.** Sostna illi toqob fis-soffit kienu ghadhom sa sarux filwaqt li fil-livell numru 1 il-*grilles* ma setghux jitwahhlu peress li s-soffit ma kienx mizbugh. Fis-6 ta' Frar 2009 *technician* tas-socjeta' konvenuta kien xeghel is-sistema fil-presenza tieghu. Jghid ukoll illi **minghajr provvista ta' l-elettriku, la jista' jsir *commissioning* u lanqas *testing* tas-sistema**.

In kontro-ezami Aquilina xhed illi hu u s-sid tal-lukanda jew il-kuntrattur tieghu ma tkellmux. Jikkonferma li provvista temporanja ta' l-elettriku kien hemm, pero li din kienet intiza ghal uzu ta' *hand tools*, u mistoqsi specifikatament jekk din il-prowista temporanja kienetx sufficjenti biex tithaddem is-sistema ta' l-arja kundizzjoniata ix-xhud jistqarr illi ma kienx ghamel verifika dwar jekk kienetx b'sahhita bizzejjed.

L-istess Silvio Aquilina a fol. 475 et seq., xhed illi huwa ma kienx gie mgharraf li kien hemm xi dizgwid bejn il-partijiet u ma nghatax raguni ghaliex s-socjeta' konvenuta kienet talbet tali rapport. Jghid ukoll illi huwa ma kienx prezenti waqt il-*commissioning*, li jispegah bhala ezercizzju pjuttost twil fejn jigu ttestjati kull *indoor unit* u kull aspett tas-sistema. L-Ingineer Aquilina iddistingwa l-*commissioning* minn *hand over*, u ikkonferma li ra s-sistema issahhan biss, fis-6 ta' Frar 2009.

Joe Said , a fol. 177 fl-affidavit tieghu sostna illi wara kuntatt li kien sar minn Angelo Xuereb huwa kien gie mitlub Gino Cutajar sabiex jipprepara stima ghas- sistema ta' *air conditioning* li kellha ssir fl-Annex ta' The Palace Hotel, u in segwitu, ntbatu zewg *quotations*. L-istima tad-19 ta' Settembru 2008 kienet giet accettata u l- korrispondenza kollha rilevanti giet inkluza bhala parti mill-ftehim datat 22 ta' Settembru 2008. Wara l-konkluzzjoni ta' dan il-ftehim, Angelo Xuereb kien talab stima ghal arja kundizzjonata fid-*dishwasher room* tal-Palace Hotel, li pprepara fis- 7 ta' Ottubru 2008, u li giet accettata permezz ta'*purchase order* ta' l-istess gurnata.

Said sostna illi kienet responsabbilta' tieghu li jghaddi l-informazzjoni sabiex il- materjal jigi ordnat mill-ewwel wara li gew approvati l-*quotations*. Huwa avza lic-*charge hand* dwar ir-responsabilita' tieghu ghal dan ix-xoghol. Xhed illi huwa kien responsabbli ghaz-zamma ta'

*record* tal-andament tax-xoghol li kienu ta' certa mportanza, **u ghalhekk huwa kellu *record* ta' kemm-il darba l-impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu accedew fuq is-sit sabiex jesegwixxu xogholijiet izda ntbghatu lura,** u dan kien in vjolazzjoni tal-ftehim ‘l ghaliex kellu jinghata pre-avviz ta gimgha.

Joe Said xhed illi l-installar ta' l-*air conditioning* fl-Annexe ma setghax jitlesta sat-18 ta' Dicembru 2008 peress li kien ghad baqa' xoghol x'isir min naha ta' AX Construction Limited, fosthom uhud mis-suffitti li kienu ghadhom mhux lesti, xoghol ta' l-elettriku, l- pjattaforma fuq xiex jitpoggew l-*outdoor units* u wkoll (naturalment ghaliex is-suffett ma kienx lest) it-toqob fis-suffett fejn kellhom jitpoggew il-*grilles* li kienu jipprekluldu lis-socjeta' konvenuta milli tkompli bix-xogholijiet.

Prova ta’ dan tirrizulta minn *e-mail* mibghuta mill-lnginier John Barbara li permezz taghha gie infurmat illi l-***electrical supply* ghal wiehed mill-*heat recovery units* kien tlesta dakinhar stess filghodu cioe’ fis-27 ta’Jannar 2009**.

A fol. 476 Joe Said xhed illi c-*charge hand* involut fil-progett kien principalment Alex Azzopardi. Dwar il-fazijiet differenti ta' l-instalazzjoni jghid illi l-ewwel ma kellu jsir kien li jitwahhal il-*copper*, il-*wiring* bejn il-*units* esterni u dawk interni (ara kontro ezami), id-*ducting* u l-*fan coil*, u dan qabel jitwahhal is-soffit li fuqu l-istess installazzjoni tinheba. Ghalhekk ix-xoghol tas-suffitt ma jkunx jista' jsir qabel jitlestew dawn ix-xogholijiet se mai fejn ha tkun ser issir installazzjoni tas-sistema. Huwa **jikkonferma illi x-xoghol gieli twaqqaf, mill-*management* tal-lukanda, mhux inqas minn sitt darbiet**, minhabba xi ricevimenti li kienu qed isiru fil-lukanda. Mikejja il-ftehim li suppost kien vigenti dwar pre avviz, kienu jkunu l-istess impjegati ta’ Cutrico Services Limited li kienu jinfurmaw lid-dirigenti tas-socjeta’ bit-twaqqif tax-xoghol. Said xhed illi *pressure testing* normalment jiehu 48 siegha. Ikkonferma wkol li Angelo Xuereb kien talabhom jaghmlu *commissioning* fuq sistema temporanja tad-dawl u dan qabel twahhlu l-*grilles* u ssir iz-zebgha, li ma kienitx procedura normali. Huwa jikkonferma illi minkejja dawn u problem ohra, il-*commissioning* sar xorta wahda.

Alex Azzopardi, a fol. 328 et seq.impjegat tas-socjeta' konvenuta bhala *foreman* jghid illi r-rwol tieghu kien li jiehu hsieb in-nies li kienu qeghdin fuq il-post. Azzopardi xhed illi fuq il-post kien ikollhom bejn zewg u sitt impjegati skond ix-xoghol li kien ser isir. Illi ghal habta

ta' Settembru / Ottubru 2008 gieli twaqqfu mix-xoghol mill-inginier jew *maintenance* ta' The Palace minhabba xi konferenzi, diversi drabi. Dwar l-elettriku Azzopardi xhed illi *wires* mmarkati bl-ittra 'X' fuq ir-ritratti 'A' u 'D' kienu tas-*supply* tal- *airconditioning units* li riedu jitqabbdu mas-*supply point* li kellu jigi installat minn terzi. Innota wkoll illi d-*double pole switches* ma kienux installati meta ttiehdu r-ritratti, liema *double pole switches* normalment ikunu fuq is-soffitt fiz-zona mmarkata 'Y'.

Huwa sostna illi fl-istat li kien is-soffit, il-*grille* ma setghetx titwahall, ghaliex dawn jitwahhlu wara li is-soffit jigi mkahhal u mizbugh. B'referenza ghal Dok. GC11 (D) jghid illi dan juri l-*air conditioning unit* bhal ma hu Dok. GCB'A', izda bil- *gypsum boards* imwahhlin, f liema kaz kien jonqos li jigi xkatlat u mizbugh is-saqaf qabel jitwahhlu l-*grilles*. B'referenza ghal Dok. C mbaghad jispjega illi filwaqt li l-kaxxa tad-dawl kienet imwahhla, din kienet vojta, u dan fil-gurnata li ttiehdu r-ritratti ghal habta ta' nofs Jannar. Huwa jsostni illi minghajr provvista ta' l-elettriku, l-*units* ma setghux jithaddmu, u b'referenza ghal Dok. GC11 'C' jghid illi sabiex jithaddem dan il-unit kien hemm il-htiega ta' provvista ta' l-elettriku u l-*controls* mal-hajt. Jghid illi b'kollox kienu nstallaw tnax il-*indoor unit* u zewg *outdoor units,* liema *outdoor units* kienu jalimentaw it-tnax il-*indoor unit*. Jghid illi ghal ahhar gimgha ta' Jannar huwa kien tkellem mal-Inginier tal-lukanda li kien gab mieghu *eletcrician* li kienu indikawlu x'kien hemm bzonn sabiex ikunu jistghu jithaddmu l-*outdoor units*.

Jippreciza wkoll illi s-*supply* mehtieg ghall-*outdoor units* kien dak ta’*three phase*, 16 Ampere fuq kull *phase* u ghalhekk kien differenti minn dak li jirrikjedu l-*indoor units*. **Jghid illi mill-*commissioning report* datat 16 ta' Frar 2009 mahrug minnu stess jirrizulta illi fis-6 ta' Frar 2009 l-*airconditinong units* kienu jahdmu.**

In kontro-ezami Azzopardi xhed illi *programme of works* ghal dan il-progett ma kienx ra u ma kienx involut fil-koordinament tax-xogholijiet ghaliex din kienet ir-responsabilita’ ta’ haddiehor.

Azzopardi insista illi *temporary supply* sabiex jithaddmu l-*air conditioning* ma kienx hemm u li l-uniku *supply* kien wiehed temporanja sabiex tithaddem l-ghodda necessarja.

Jesmond Vella a fol. 334, jghid illi huwa jokkupa l-kariga ta' *chief security officer* fil-lukandi The Palace u Victoria u li dawn jadoperaw sistema fejn kull persuna li tidhol ghax-xoghol, ossia *third party contractors*, jinghataw tag u jittiehed notament tal-hin li fih tali persuni ikunu dahlu u hargu mill-lukanda**. Vella esebixxa dokument mmarkat bhala Dok. JV1 li jindika l-access ta'diversi persuni bejn it-22 ta'Settembru 2008 u s-6 ta' Frar 2009.**

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali u tal-perit tekniku, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Mill-fatti provi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta Cutrico Services Limited kienet giet inkarigata sabiex tissupplixxi, tinstalla u tikkummissjona sistema ta' VRF Airconditioning fil-lukanda ta' The Palace u dana permezz ta' kuntratt li huwa esebit bhala Dok. A, liema ftehim kien indirizzat lil Angelo Xuereb, ghan-nom ta' AX Holdings Limited (fol. 6) waqt li gie ffirmat minn Angelo Xuereb ghal-"AX Group" (fol. 11) , u dan ghal prezz ta' €47,776.77. Jirrizulta illi gie inoltre pattwit u miftiehem zmien ghat-tlestija ta' certu xogholijiet, bil-jum tat-18 ta' Dicernbru 2008 miftehma bhala l-gurnata li fiha s-sistema kellha tigi kumissjonata, u dan kontra penali ta'€ €150 ghal kull jum ta' dewmien pagabbli mis-socjeta' konvenuta favur "AX Construction Limited as part of AX Group", b'dan illi *"Any delays or stoppages of works caused by third parties or happening beyond the control of Cutrico Services Limited will be added to the final date of commissioning"*. Is-socjetajiet AX Holdings Limited u AX Construction Limited jallegaw illi s-socjeta' konvenuta Cutrico Services Limited kissret l-obbligi kuntrattwali minnha assunti u dan fis-sens illi l-istess socjeta' naqset milli tlesti u tikkummissjona s-sistema fiz-zmien miftiehem u li ghalhekk hija responsabbli ghad-danni pre-likwidati ai termini tal-ftehim indikat.

Illi dan il-ftehim isegwi ftehim iehor bejn il-partijiet li jgib id-data tas-27 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu AX Construction Limited kienet giet inkarigata minn Cutrico Services Limited sabiex taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond konsistenti f’*showroom* propjeta' tas-socjeta' konvenuta f’Santa Venera.

Illi tajjeb li jigi rilevat, 1illi s-socjetajiet attrici jew minn minnhom, ghal finijiet ta' certu xogholijiet fl-Annex tal-lukanda The Palace, kienu inkargaw lis-socjeta' Megaline Limited bhala l-kuntrattur principali, inkluz l-fornitura u installazzjoni tas-sistema tal-arja kundizzjonata, u li kienu inoltre ingaggaw is-servizzi ta' Mediterranean Technical Services Limited bhala l-konsulenti teknici tal-progett, filwaqt li Angelo Xuereb, wara l-ftehim fir-rigward tal-konstruzzjoni tas-*showroom* f’Santa Venera kien ikkonkluda l-ftehim fir-rigward tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata fl-Annex tal-lukanda The Palace li sahansitra jikkontempla tpacija tal-valur tas-sistema tal-arja kundizzjonajta dovuta lis-socjeta' konvenuta, ma' parti mis-somma li kienet dovuta s-socjeta'AX Construction Limited ghax-xogholijiet li hija kienet qed tesegwixxi ghal beneficcju tas-socjeta' konvenuta f’Santa Venera, limitat ghal 15% tal-valur tax-xogholijiet li tkun wettqet AX Constructio Limited u ghalhekk giet intavolata l-kontro-talba mis-socjeta' Cutrico Services Limited fil-konfront tas-socjeta' AX Holdings Limited.

Illi da parti taghha s-socjeta'The Palace Operations Limited resqet talba ghad- danni msejsa fuq l-allegazzjoni illi stante d-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol da parti ta' Cutrico Services Limited l-istess socjeta'ma kienetx f'qaghda li tikri dawn il-kmamar fl-Annex tal-lukanda.

Il-Qorti sejra tezamina il-materji in kontestatzzjoni u tibda bil-kwistjoni ta dewmin fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet.

Illi l-kwistjoni principali f'dawn il-proceduri hija dwar l-allegat dewmien fl-esekuzzjoni tal-installazzjoni tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata da parti ta' Cutrico Services Limited li permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Settembru 2008 kienet obbligat ruha li tforni, tinstalla u tikkummissjona s-sistema sa mhux aktar tard mill-jum tat-18 ta' Dicembru 2008. Filwaqt li s-socjetajiet attrici jallegaw illi s-socjeta' konvenuta kissret l-obbligi kuntrattwali taghha meta hija naqqset milli tikkummissjona s-sistema sal-gurnata miftehma, s-socjeta' konvenuta irribattiet illi n-nuqqas taghha li tikkummissjona s-sistema sal-gurnata miftehma, kien attribwibbli ghall-terzi, u ghar-ragunijiet mhux taht il-kontroll taghha

Mid-deposizzjoni ta' Angelo Xuereb jirrizulta illi The Palace kienet ikkoncediet il- kuntratt tax-xogholijiet lis-socjeta' AX Construction Limited, li kienet qeghda tagixxi bhala l-kuntrattur principali, u li x-xogholijiet fdati lil din l-ahhar socjeta' kellhom **jitlestew sa' l-ahhar tas-sena 2008**, filwaqt li AX Holdings Limited kienet ikkonkludiet kuntratt ma' Cutrico Services Limited fir-rigward tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata, liema kuntratt skond l-istess Angelo Xuereb kien jorbot lil AX Construction Limited.

Minkejja ix-xhieda ta' Angelo Xuereb li l-haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu jattendu sporadikament fuq il-lant tax-xoghol tant li kellu jintervienu diversi drabi hu u l-lnginier John Barbara, **il-provi fil-kaz in ezami juru xorta ohra.** Dan qieghed jinghad '1 ghaliex kif jirrizulta mill-provi Gino Cutajar ikkonferma illi huwa qies dan il-progett bhala wiehed li kellu ikun *fast track* u jippreciza illi fil-gurnata stess li gie iffirmat il-ftehim, u cioe fit-22 ta' Settembru 2008, kien ta bidu ghax-xogholijiet. **Dan huwa kkonfermat bid-dokument JV1 esebit mill-kap tas-sigurta' tal-lukandi The Palace u Victoria Joseph Vella minn fejn jirrizulta illi fit-8.30 ta' filghodu kienu accedew fuq is-sit in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta Leo Butler u Jerome Peplow li hargu mis-sit fl-4.00 ta'wara u nofsinhar, kif ukoll Miguel Cutajar li dak inhar fuq is-sit acceda darbtejn.**

Tajjeb f'dan l-istadju jigi ezaminat bir-reqqa Dok. JV1 minn fejn jirrizulta fliema granet u hinijiet dirigenti u haddiema tas-socjeta' konvenuta Cutrico kienu accedew fuq is-sit. Dan id-dokument jaqbel sostanzjalment mal-kontenut tad-dokument esebit bhala Dok. GC6 (fol.128), fliema dokument huwa indikat ulterjorment illi :

i. f1-**24 ta' Settembru 2008** s-socjeta' konvenuta giet infurmata li **ma jistghux jitkomplew xogholijiet** qabel is-**26 ta' Settembru**, u jirrizulta li haddiema tas-socjeta' konvenuta regghu taw bidu ghax-xoghol fis-**27 ta' Settembru 2008**;
ii. fil-**15 ta' Ottubru 2008 gew mwaqqfa mix-xogholijiet** matul il-gurnata minhabba konferenza;
**iii.** fis-**6 u fis-7 ta' Novembru 2008** impjegati tas-socjeta' kovenuta **ma' thallewx jahdmu.**

Dawn l-allegazzjonijiet ma gewx kontradetti bl-ebda mod mis-socjetajiet attrici, u ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta kellha impjegati taghha impenjati fuq is-sit
bejn it-22 ta' Settembru 2008 sas-16 ta' Ottubru 2008 mit-Tnejn sas-Sibt ghajr bejn l 24 ta' Settembru u s-26 ta' Ottubru fliema granet gew prekluzi milli jahdmu. Bejn l-10 ta' Novembru 2008 u s-6 ta' Frar 2009 jirrizulta li **saru madwar 156 siegha ta' xoghol**, u cioe li fuq medja ta' zewg impjegati kuljum ghal tmien sieghat xoghol kuljum jammontaw ghal madwar 10 t'ijiem ta' xoghol.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax ezattament liema xogholijiet kienu tlestew mis-socjeta' konvenuta u x'kien l-istat tax-xogholijiet b'mod generali fl-Annex tal-lukanda The Palace fit-18 ta' Dicembru 2008. Lanqas ma huwa difficli li wiehed jifhem ghaliex dan huwa hekk u cioe illi f'dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda dizgwid bejn il-partijiet, tant illi jirrizulta illi l-partijiet hadu nteress partikolari fl-ewwel jiem ta' Jannar tas-sena 2009 tant illi thejjew rapporti mill-lnginier Silvio Aquilina fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u iehor mill-lnginier Jonathan Sammut ghan-nom ta' Mediterranean Technical Services Limited bhala konsulenti teknici tas-socjeta' AX Construction Limited. Huwa stabbilit ukoll illi bejn it-18 ta' Dicembru 2008 u t-13 ta' Jannar 2009 is-socjeta' attrici ma wettqet l-ebda xoghol, ghalkemm dan mhuwiex indikattiv jekk il-kuntrattur principali kompliex fl-ezekuzzjoni ta' xogholijiet ohra f dan iz-zmien.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina ir-rapport tal-lnginiera Aquilina u Sammut.

Dok. AX1 a fol. 290, huwa certifikat mahrug mill-lnginier Jonathan Sammut ta' Mediterranean Technical Services Limited fir-rigward ta' xogholijiet esegwiti mis-socjeta' konvenuta sal-5 ta' Jannar 2009, liema xogholijiet huma elenkati f Dok. AX1(A) u sostanzjati bid-Dokumenti AX (B), (C) u (D). Il-Qorti taccenna ukoll ghat-testimonjanza ta' Jonathan Sammut a fol. 304 et seq, 312 et seq. u 315 et seq., fejn jirrizulta :

i. Illi 10% mit-tnaqqis bejn dak mitlub mis-socjeta' konvenuta (taht il- kolonna 'claimed') versu dak certifikat minnu (taht il-kolonna 'corrected') huwa attribwit ghal *commissioning* li sa dak inhar ma kienx lest.
ii. Illi fir-rigward ta' item 309, id-differenza bejn dik mitluba u dik certifikata tikkoncerna in-nuqqas ta' *commissioning* stabbilita minnu bhala 10%, u ghalhekk ir-rimanenti 5% huma attribwiti ghal "*connecting of power and control cable wiring, refrigerant piping, installation of suitable vibration suppression pads"*, u jigi rilevat illi parti mid-disgwid jirrigwarda propju l-provvista ta' l-elettriku li kien kompitu ta' terzi li dwaru din il-Qorti ser tkompli tiddiskuti. L-istess jinghad ghal *items* 315 u 319.
iii. Illi fir-rigward ta' item 311, minkejja d-disrekpanza ta' 10% bejn dak mitlub u dak certifikat, ix-xhud jammetti illi huwa ma huwiex edott mill dak patwiet bejn il-partijiet fil-kuntratt bejn s-socjetajiet kontendenti u kwindi ma kienx jaf jekk is-socjeta' konvenuta kienetx obbligata tipprovdi *pressure test certificate*;
iv. Illi fir-rigward ta' *item* 314 ma ngiebet l-ebda prova;
v. Illi fir-rigward ta' *item* 315 jirrizulta illi d-diskrepanza tirrigwarda *commissioning*;
vi. Illi fir-rigward ta' *items* 316, 317, 326, 333, 334 u 335 jirrizulta minn provi ohra li dawn ma setghux jigu installati qabel ma saru t-toqob appoziti fis-suffit, punt li ser jigi ezaminat ulterjorment.

Fir-rapport tal-lnginer Silvio Aquilina gie ritenut :

a. Rapport tat-13 ta' Jannar 2009( Dok. GC8, fol. 137) b'referenza ghal access li sar fid-9 ta' Jannar 2009 fejn rraporta illi l-*grilles* u l-*wall mounted controllers* jitwahhlu wara z- zebgha filwaqt li l-*commissioning* isir wara li jigi supplit l-elettriku magemb l-*outdoor unit* u l-*indoor units*. In sostenn, gew ukoll esebiti sensiela ta' ritratti li juru l-qaghda tax-xogholijiet (Fol. 139-140)

b. Rapport tal-21 ta'Jannar 2009 (Dok. GC10, fol. 142) b'referenza ghal access li sar fl-20 ta'Jannar 2009 permezz ta' liema gie rapportat illi l-*grilles* u l-*wall mounted controllers* jitwahhlu wara z-zebgha filwaqt li l-*commissioning* isir wara li jigi supplit l-elettriku magenb l-*outdoor unit* u l-*indoor units*, u dan wara li gie notat progress fix-xoghol tas-suffiti u zebgha wara l-access tad- 9 ta' Jannar 2009. In sostenn, gew ukoll esebiti sensiela ta' ritratti li juru tal- qaghda tax-xogholijiet (Fol. 144- 145)

c. Rapport tal-11 ta' Frar 2009 (Fol. 56 Dok CS2) b'referenza ghal access li sar fis-6 ta' Frar 2009 fejn gie rapport illi s-sistema kienet giet installata u funzjonanti"

Il-Qorti ghaldaqstant jehtiegilha li tezamina kemm-il darba:

i. ix-xogholijiet da parti tal-kuntrattur principali kienux tlestew fi zmien utli u b'mod li ppermettew lis-socjeta' konvenuta tikkonkludi x-xogholijiet lilha fdati fiz-zmien miftiehem;

ii. il-provvista hekk imsejjha "temporanja" kienetx adegwata sabiex isir il-*commissioning*, liema *commissioning* ma setghax isir qabel is-sistema tkun giet installata;

Mill-fatti illi jirrizultaw ipprovati lil din il-Qorti jidher illi minkejja li Cutrico kienet esegwiet parti mill-installazzjoni, **hija kienet prekluza minhabba n-nuqqas ta' terzi** li tesegwixxi l-ahhar xogholijiet biex tikkompleta is-sistema. Gino Cutajar jaghti rendikont tal-fazijiet differenti ta' l-installazzjoni u fost l-iktar importanti jehtieg li jigi rimarkat illi l-*indoor units* kellhom jigu installati u mohbija fuq is- suffitti u ghalhekk dan is-suffitt kellu jitlesta' da parti ta' terzi (inkluz id-*double pole switches* li jalimentaw l-*indoor units*). Inoltre, wara li jigi installat is-suffit, ikun jenthieg li fih isiru toqob li fihom jitwahhlu l-*grilles* li bhala prassi jitwahhlu wara li jkun mkahhal u mizbugh is-suffitt u jitwahhlu l-*controllers* mal-hitan li bhala prassi wkoll jitwhallu wara li jinzebghu l-hitan u dawn sabiex jigi evitat li jiccappsu bis-zebgha. Issa anke mir-ritratti esebiti jirrizulta illi f'Jannar tas-sena 2008, i f'certi kmamar, id-*doublepole switches* ma' kienux gew "terminated", filwaqt li s-suffit kien ghadu ma tqeghiedx. **Ghalhekk s-socjeta' konvenuta ma kienetx f'qaghda li taqdi l-obbligi kuntrattwali taghha ghal ragunijiet li ma kienux attribwibbli lilha.**

Jonathan Sammut, l-inginier formanti parti mill-kumpannija inkarigata bhala l-konsulenti teknici tas-socjetajiet attrici nnifsu jirritejni kjarament: illi fil-5 ta' Jannar 2009: "***fl-istat li kienu xogholijiet ohra, Cutrico Services Limited ma kienetx f'qaghda li tesegwxixxi xogholijiet li kellha taghmel mija fil-mija"***.

Minkejja l-prassi, s-socjeta' konvenuta wahhlet il-*grilles* u l-*controls* qabel ma nzebghu l-kmamar fuq ordni esplicita' ta' Angelo Xuereb.

Illi ghar-rigward tal-provvista ta' l-elettriku, Angelo Xuereb sostna illi l-lukanda The Palace, kienet ilha topera sa mis-sena 2007 u li provvista ta' l-elettriku sabiex isir *testing* u *commissioning* tas-sistema kienet tezisti. Huwa afferma pero illi l-Annexe tal-lukanda ma kienitx tlestiet. Angelo Xuereb sostna illi l-*commissioning* seta' jsir permezz ta' *supply* temporanju ghaliex fil-fehma tieghu "kull ma kien jenhtieg kien *extension*". Huwa jghid illi s-socjeta' setghet tigi provduta b'*supply* temporanju tal-qawwa mehtiega u dan ghaliex dan kien jiddependi biss fuq il-hxuna tal-*cable* li seta' gie provdut f'temp ta' guranta. Jghid ukoll illi bhala stat ta' fatt, il-*commissioning* sar fuq provvista temporanja.

Fil-kaz in ezami l-espert tekniku l-Inginir Victor Bonello nominat mill-Qorti kif diversament preseduta, **sostna illi *commissioning* fuq provvista ta' dawl temporanja kienet tikkostitwixxi <u>riskju serju</u> ghal Cutrico minhabba hsarat li dan seta' jikkawza fl-apparat, filwaqt li provvista temporanja ma tiggarantix stabilita' fil-provvista.**

Gino Cutajar da parti tieghu ma jaqbilx ma dan. Tul id-deposizzjoni tieghu huwa spjega, anke permezz ta' skizz mmarkat Dok. GCZ1,, x'kienu r-responsabilitajiet tas-
socjeta'  konvenuta u dak ta' terzi. In succinct, ghal kull *indoor unit* jigi provdut double pole switch li jipprovdi l-elettriku ghal kull wiehed mill-istess indoor units, l- installazzioni ta' liema kienet r-responsabilita' ta' terzi, filwaqt li ghal kull *outdoor unit* jigu provdut isolator switch li jipprovdi l-elettriku ghal kull wiehed mill-istess *outdoor units*, l-installazzjoni ta' liema kienet ukoll responsabilita' ta'terzi. Hekk kif jigu provduti dawn id-*double pole* u *isolator switches* debitament alimentati bil- provvista, l-istess *outdoor* u *indoor units* jigu mqabbda ma' l-istess *switches*, ghalhekk l-argument ta' Gino Cutajar ghan-nom tas-socjeta' konvenuta huwa illi sakemm dawn is-switches ma twahhlux, gew terminati u forniti bid-

dawl, la seta' jsir *testing* u lanqas *commissioning* tas-sistema ghaliex l-istess sistema ma setghetx tithaddem. Huwa rrilevanti f'dan l-istadju ta' l-installazzjoni x'kienet is-sors tal-provvista, stante illi Cutrico kienet aderixxiet ruhha mat-termini tal-kuntratt u alimentat il-unit fil-mument illi d-*double pole* u l-*isolator switches* kienu twahlu u provduti bid-dawl. Ir-responsabilita' tal-kwalita' tal-provvista f'dan l-istadju ma kienx ghadu ta' Cutrico, li hija sitwazzjoni distinta minn dik fejn Cutrico hadet – kif giet mistiedna taghmel - ir-riksju li tqabbad il-*unit* direttament fuq provvista temporanja fi stadju li ma kienux ghadhom gew mwahhla u "terminated" d-*double pole* u l-*isolator switches*.

Illi x-xhieda ta' Gino Cutajar mhijiex biss korroborata minn impjegati u nies ingaggati minnu, izda anki minn terzi. L-lnginer Jonathan Sammut a fol. 313 jghid illi fil-5 ta' Jannar 2009 d-*double pole switches* ma kienux kollha f'posthom u li l-*links* bejn l-*outdoor* u l-*indoor units* kienu neqsin filwaqt li jzid jghid illi s-sistema ta' l-elettriku tlestiet lejn nofs is-sena 2009. L-lnginier Joseph Vassallo xehed ulterjorment illi minkejja li kienet giet kummissjonata *sub-station* ghal habta ta' Awissu jew Settembru tas-sena 2007 , provvista ta' dawl fl-Annex ma kienx hemm u li waqt ix-xogholijiet kienu qeghdin jintuzaw *extensions* li ma kienux bizzejjed ghas-sistema ta' l-arja kundizzjonata. Huwa jzid jghid illi *commissioning* ma setghax isir qabel Jannar jew Frar tas-sena 2009 meta gie mqieghed il-*cable* izda jzid jghid li fl-ahhar mill-ahhar il-*commissioning* sar fuq is-sistema temporanja.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jikkorobora dak li xehed Gino Cutajar, fis-sens illi hekk kif gew alimentati d-double pole u l-isolator switches li ma kienetx responsabilita' tas- socjeta' konvenuta, huma ghaddew ghall-*commissioning*, u dan minghajr ma ghamlu l-ebda ndagini dwar is-sistema ta' l-elettriku jew is-sors tal-provvista, li jerga' jinghad kienet ir-responsabilita' ta' terzi. Infatti Jonathan Sammut jghid illi "***kien ghal habta ta' nofs is-sena 2009 li kienet tlestiet is-sistema ta' l-elettriku" u li "commissioning ma setghax isir qabel tlestliet is-sistema ta' l-elettriku".***

Mill-banda l-ohra, b'risposta ghal dak li xehed Angelo Xuereb fis-sens illi bhala stat ta' fatt il-*commissioning* sar fuq provvista temporanja, Gino Cutajar jghid illi huwa ma jafx x'tip ta' provvista kienet provduta, stante illi meta s-sistema giet alimentata bid-dawl provdut minn terzi huma wettqu t-testing u l-*commissioning* tas-sistema.

Is-socjetajiet AX Holdings Limited u AX Construction Limited iressqu talbiet identici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Cutrico Holdings Limited, inkluz talba ghad-danni ex contractu minn kull wahda minn dawn il-kumpanniji kontra s-socjeta' konvenuta. Illi mill-ftehim ezebit a fol. 7 et seq. huwa difficli li wiehed jistabilixxi min minn dawn il-kumpanniji stabbilit relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta stante li referenza issir ghal AX Holdings Limited (Hekk hija intestata l-istess ittra), AX Groups (f'din il-kapacita iffirma l-ftehim Angelo Xuereb) u AX Construction Limited (referenza ghal din is-societa'ssir taht l-intestatura "Penalties" a fol. 10). Da parti tieghu, Angelo Xuereb xehed illi l-ftehim kien bejn AX Holdings Limited u Cutrico Services Limited, izda li dan jorbot lil AX Construction Limited ukoll, ghalkemm ma jghidx specifikatament **kif** dan il-kuntratt jorbot lil AX Construction Limited. Ghalhekk minn dan il-kuntratt wahdu, ma jistghax jigi tassew stabbilit liema minn dawn iz-zewg socjetajiet kien jorbot dan il-kuntratt.

Ghalhekk issir referenza ghal provi prodotti fil-kaz in ezami. Fl-ewwel lok Angelo Xuereb jghid illi The Palace Operations Limited kienet fdat ix-xogholijiet f’The Palace f’idejn AX Construction Limited u ghalhekk huwa ragjonevoli li jigi prezunt illi kienet AX Construction Limited li da parti taghha nnegozjat is-sistema ta' l-arja kundizzjonata ma' Cutrico Services Limited. Fit-tieni lok jirrizulta ukoll illi l-penali li talvolta kellhom jkunu dovuti ghal ksur ta' obbligi kuntrattwali kienu ser jirrekaw a favur tas-socjeta'AX Construction Limited, u dan ai termini tal-klawzola penali tal-ftehim. Fit-tielet lok, il-partijiet jaghmlu referenza ghal tpacija, u dan kemm fil-kuntratti rispettivi fis-sens illi 15% tal-valur tax-xogholijiet li AX Construction Limited kienet qeghda tesegwixxi fis-*showroom* ta' Cutrico, Santa Venera kellu jigu pacut mal-valur tal-materjal u xogholjiet li Cutrico Services Limited kienet qed tesegwixxi f’The Palace u kif ukoll fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet. Sabiex isehh it-tpacija, il-kreditur ta' wiehed irid ikun id-debitur ta' l-iehor, u ghalhekk l-ebda tpacija ma' setghet issir bejn AX Holdings Limited u Cutrico Services Limited stante illi l-kreditur ta' Cutrico Services Limited kienet is-socjeta'AX Construction Limited.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tqis illi r-relazzjoni li giet stabbilita permezz tal-ftehim tat-22 ta'Settembru 2008 giet stabbilita bejn Cutrico Services Limited u AX Construction Limited, u li AX Holdings Limited hija estranja ghal dan il-ftehim.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-talba ghad-danni da parti tat-tlett socjetajiet attrici.

Illi gialadarba hija l-fehma tal-Qorti li l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet attrici ma gewx pruvati, it-talbiet ghad-danni mressqa kontra s-socjeta' konvenuta ma jirrizultawx fondati.

Il-Qorti tinnota illi kien l-istess Angelo Xuereb, ghas-socjeta' The Palace Operations Limited, li inkariga lis-socjeta' AX Construction Limited sabiex tesegwixxi xogholijiet ta' *finishings* fil-lukanda The Palace, u dan sa mhux aktar tard mill-ahhar tas-sena 2008, mentri jirrizulta car u minghajr ebda ombra ta' dubbju illi x-xogholijiet f'The Palace ma tlestewx fi zmien stabbilit minn dawn iz-zewg kumpanniji u li n-nuqqas ta' tlestija tal-istess, certament ma jistghax jigi attribwit lis-socjeta' konvenuta li sahansitra giet prekluza milli tlestli x-xogholijiet lilha fdati fiz-zmien miftiehem. Fi kliem Marcelle Cuschieri, l-ewwel Junior Suites formanti parti minn dan l-Annexe gew okkupati fl-10 ta'April 2009. Lanqas ma jirrizulta illi d-dewmien fl-ezekuzzjoni kienet b'xi mod attribwibbli lil Cutrico Services Limited. Wiehed kien jistenna li kieku kien hekk illi kuntratturi ohra kienu registraw formalment mas-*supervisor* jew mas-sidien.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-materja ta'*commissioning*.

Fil-premessi taghhom, is-socjetajiet attrici jirritjenu illi s-sistema ta' l-arja kundizzjonata qatt ma giet kummissjonata, filwaqt li s-socjeta' konvenuta tirritjeni ghal kuntrarju illi din giet kummissjonata fis-6 ta' Frar tas-sena 2009.

Il-Qorti taghraf illi ghandha l-ewwel tezamina it-tifsira ta'*commissioning*.

Fil-fehma ta' Angelo Xuereb, "commissioning" kienet tfisser il-htiega li l-konsulenti teknici inkarigati minn AX Construction Limited (cioe' Mediterranean Technical Services Limited) jiltaqghu ma' rapprezentanti ta' Cutrico Services Limited sabiex jigi verifikat illi x-xogholijiet kienu esegwiti skond il-ftehim. Mill-banda l-ohra, l-lnginiera Jonathan Sammut ghal Mediterranean Technical Services Limited u Silvio Aquilina ghal Engineering Services Limited fissru li b'"commissioning" wiehed jifhem *testing* ta' kull aspett tas-sistema, minghajr referenza ghal htiega tal-presenza tal-konsulenti teknici.

Naturalment, il-konferma ta' konsulenti teknici ngaggati minn AX Construction Limited kienet tiffacilita' jew sahanistra telimina t-tilwima dwar jekk is-sistema gietx

kummissjonata o meno, pero dan la sar u sa certu punt lanqas seta' jsir minkejja l-pretensjonijiet ta' Angelo Xuereb f'dan ir-rigward.

Da parti tieghu Angelo Xuereb jghid illi sa mil-bidu nett, huwa kien ta' avviz lil Cutrico Services Limited dwar l-involviment tal-konsulenti teknici tal-progett u li kwalunkwe kwistjoni teknika kellha tigi ndirizzata lilhom u jzid jghid illi minkejja li Gino Cutajar kien konxju ta' dan, huwa kien qallu li s-socjeta' konvenuta ma' kelliex x'taqsam maghhom. Mill-banda l-ohra Angelo Xuereb jikkonferma illi huwa kien innegozja direttament ma' Gino Cutajar fir-rigward ta' din is-sistema **minghajr l-involviment tal-konsulenti teknici** u li jirrizulta sahanistra illi d-disinn tas-sistema li gie miftiehem u li jaghmlu partu integrali mill-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 **kien differenti minn dak kif propost mill-konsulenti teknici**. Dan kollu huwa korroborat b'xhieda ohra. Fosthom, Gino Cutajar jispjega illi l-konsulenti teknici Mediterranean Technical Services kienu sabu certu diffikulta sabiex jipprovdu lil Cutrico Services Limited b'kopja ta' dawn id-disinni, kif sewwa sew ikkonferma wkoll l-Inginier Jonathan Sammut li jghid illi huma kien irrilaxxaw tali disinni fuq struzzjonijiet ta' Angelo Xuereb innifsu stante illi Cutrico Services Limited ma kellhomx sehem minn dan il-progett. Fir-rigward tax-xogholijiet Gino Cutajar jghid ukoll illi x-xogholijiet kif esegwiti kienu differenti minn kif proposti minn Mediterranean Technical Services Limited, filwaqt li l-Inginier Jonathan Sammut jghid li huwa ma kienx edott bil-fatt illi Cutrico Services Limited kienu ssottomettew disinn differenti minn dak propost, u illi huwa kien nnota illi x-xoghol kien qieghed jigi esegwit b'mod differenti minn kif gie disinjat minnhom. Illi ghalhekk jirrizulta illi Angelo Xuereb naqas milli jaghti nformazzjoni dwar in-negozjati li huwa kien personalment ikkonkluda ma' Cutrico Services Limited, tant illi Jonathan Sammut jghid illi huwa ma kienx edott mill-obbligi ta' Cutrico Services Limited (dan minkejja li hija prassi li l-konsulent ikun prezenti u firmatarju fuq il-kuntratt tax-xogholijiet). Fi kliemu :

> *"Mistoqsi jekk wara l-5 ta' Jannar 2009 kontx mitlub minn Angelo Xuereb naghmel xi verifiki ghal dak li jirrigwarda ix-xogholijiet ta' Cutrico, nghid li ma gejtx mitlub la mis-Sur Xuereb u lanqas mis-socjetajiet attrici. Li sar fl-ahhar, kienet verifika li x-xoghlijiet komprizi fil-kuntratt kienu maghluqin. Mistoqsi kienux jinkludu x-xoghlijiet ta' Cutrico li ma iffirmawx parti mill-*

> *kuntratt, nghid li l-verifika kienet dwar xogholijiet responsabilita' tal-main contractor li ma jinkludux ix-xogholijiet ta' Cutrico"*

Tant ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn Mediterranean Technical Services Limited u Cutrico Services Limited, illi fattura li nharget minn Mediterranean Technical Services Limited lil Cutrico Services Limited **kienet giet kancellata**.

Ghalhekk, minkejja li Angelo Xuereb jghid illi din is-sistema ghadha sallum il-gurnata nieqsa minn certifikazzjoni mill-konsulenti teknici, huwa evidenti illi l-konsulenti teknici la huma f'qaghda li jiccertifikaw is-sistema u lanqas intalbu wara l-5 ta' Jannar 2009 jiccertifikaw tali sistema. Marcelle Cuschieri, in fatti kienet giet infurmata illi l-installazzjoni kienet saret ghal nofs Marzu 2009.

Il-Qorti tqis illi ghandha tigi ezegwita ukoll il-kwistjoni ta' tpacija.

Illi jirrizulta miz-zewg kuntratti esebiti illi l-partijiet kienu qablu fuq tpacija bejniethom. Permezz tal-klawzola intestata "Payment" (Fol. 10) fil-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008 gie miftiehem illi :

> *"The total agreed value of € €47,776.17 as per attached BOQ Annex A will be set off by barter against construction and other works carried out in favour of Cutrico Services Limited at Cutrico Buildings, Old Railway Track St. Venera, by companies within the AX Group."*

Filwaqt li permezz tal-klawzola numru 2 tal-ftehim datat 27 ta' Gujnu 2008 (fol. 28) gie miftiehem illi :

> *"remaining 15% will be paid in kind, specifically with items of merchandise from Cutrico Services Limited"*

Is-socjeta' konvenuta qeghda tibbaza l-komputazzjoni relattiva ghal kontro-talba fuq ic-certifikat mahrug mill-Perit Italo Raniolo mmarkat bhala Dok. GC19, liema certifikat huwa kontestat minn AX Construction Limited u dan skond id-deposizzjoni ta' Angelo Xuereb is-

somma dovuta minn Cutrico Services Limited hija ta' €215,348 u mhux €212,951.75, differenza ta' €2,396.25, u ghalhekk ghal finijiet tal-kontro-talba d-differenza hija ta' 75% tas-somma ta' €2,396.25 u cioe €359.46. Jigi osservat illi l-komputazzjoni ta' 15% qeghda ssir fuq il-valur attwali tax-xoghol esegwit minn AX Construction Limtied u mhux fuq il-valur indikat fil-ftehim ta' bejn il-partijiet.

Is-socjeta' konvenuta tinsisti illi din il-kontro-talba ma' setghet titressaq fil-proceduri ta' l-arbitragg, u dan naturalment ghaliex il-ftehim dwar is-sistema ta' l-arja kundizzjonata ma' jipprovdix illi tilwim ghandu jigi deciz minn tribunal ta' arbitragg. Madanakollu, din id-differenza, minkejja li hija wahda minima, tohloq diffikulta in kwantu ma tressqux bizzejjed provi sabiex jigi stabbilit x'inhu l-valur ta' xogholijiet esgwiti, li invece huwa kompitu tat-tribunal ta' l-arbitragg.

Il-Qorti tgharaf illi jkun ghaqli illi l-komputazzjoni ghandha ssir a bazi tac-certifikat mill-Perit Raniolo stante illi jirrizulta minn korrispondenza skambjata u esebita illi dan ix-xoghol tkejjel minn Quantity Surveyors, u dan anke ghaliex l-ebda prova ma'tressqet minn AX Construction Limited dwar is-somma ta' €215,348 pretiza.

Illi ghalhekk l-Qorti tqis illi s-somma pagabbli minn AX Construction Limited favur Cutrico Services Limited hija dik fl-ammont ta’ €17,613.16, (€49,915.36 - (€215,348 X 15%)) , apparti dak illi ser jigi stabbilit mill-arbitri fil-proceduri tal-arbitragg.

Ghaldaqstant ghar-rigward tat-talbiet u eccezzjonijiet ta’Ax Holdings Limited kontra is-socjeta’ konvenuta, l-Qorti tqis illi ma jirrizultax pruvat illi tezisti relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta Cutrico Services Limited u AX Holdings Limited, u dan stante illi l-unika relazzjoni guridika li giet stabbilita, hija dik bejn Cutrico Services Limited u AX Construction Limited, u ghaldaqstant l-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni numerata 1.1 tas-socjeta’ konvenuta. Konsegwentement, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet numerati 1.2 sa 1.5.

Illli in vista ta’ dana kollu il-Qorti tichad t-talbiet numerati 1, 2 u 3 ta' AX Holdings Limited.

Ghaldaqstant ghar-rigward tat-talbiet ta’Ax Construction Limited u eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, in vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq indikati, jirrizulta car illi s-sistema ta'

l-arja kundizzjonata li s-socjeta' konvenuta giet inkarigata tissupplixxi, tinstalla u tikkummissjona fil-lukanda The Palace sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008, jirrizulta mill-assjem tal-provi illi n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li taqdi l-obbligi kuntrattwali taghha ma kienx dovut ghal mankanzi taghha. Ghal kuntrarju dan id-dewmien kien dovut ghal nuqqasijiet ta' terzi, fosthom li jipprovdu partijiet mis-sistema ta' l-elettriku li kellhom jalimentaw l-istess sistema u n-nuqqas li jlestu xogholijiet ta' suffiti u zebgha li kienu jippermettu lis-socjeta' konvenuta tikkonkludi x-xogholijiet lilha fdati fiz-zmien miftiehem. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel talba tas-socjeta AX Construction Limited.

Il-Qorti tqis illi konsegwentement it-tieni talba ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ ghad-danni ex contractu u t-tielet talba ghal hlas ta’ danni f’ammont ta’€15,400 pretizi mis-socjeta’ AX Construction Limited ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant ma jirrizultax pprovat illi s-socjeta' konvenuta kissret l-obbligi kuntrattwali minnha assunti u ghalhekk ma tistghax tigi dikjarata responsabbli ghad-danni naxxenti mill-kuntratt tat-22 ta' Settembru 2008 kif pretiz mis-socjeta' AX Construction Limited. Ghalhekk l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet enumerata 2.1 , 2.2 , 2.3 u 2.5, waqt li tastieni milli tiehu konjizzjoni ta’paragrafu numru 2.4.

Ghar-rigward tat-talbiet tas-socjeta’ The Palace Operations Limited, kif gja gie ritenut aktar ‘l fuq, jirrizulta car illi s-sistema ta' l-arja kundizzjonata li s-socjeta'AX Construction Limited inkargat lis-socjeta' konvenuta tissupplixxi, tinstalla u tikkummissjona fil-lukanda The Palace sa mhux aktar tard mit-18 ta' Dicembru 2008, gie stabbilit mill-provi prodotti illi n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li taqdi l-obbligi kuntrattwali taghha ma kienx dovut ghal mankazzi taghha, izda li ghal kuntrarju dan id-dewmien kien dovut ghal nuqqasijiet ta' terzi, fosthom li jipprovdu partijiet mis-sistema ta' l-elettriku li kellhom jalimentaw l-istess sistema u n-nuqqas li jlestu xogholijiet ta' suffiti u zebgha li kienu jippermettu lis-socjeta' konvenuta tikkonkludi x-xogholijiet lilha fdati fiz-zmien miftiehem u ghalhekk il-Qorti tichad din it-talba.

Konsegwentement l-Qorti tichad it-tieni talba dwar ir-responsablita’ tad-danni konsistenti f’telf ta' negozju u ta' profitti fl-ammont ta' mija u tmienja u sittin elf mija u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu jew somma ohra verjuri, kif del resto qed tigi qed tichad it-talba ghal-kundanna ta’hlas ta’ danni f’ammont ta’ €168,757.66, flimkien ma' imghaxijiet u spejjez.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet ta' Cutrico Services Ltd. ghat-talbiet ta' The Palace Operations Ltd. ma jirrizultax pruvat illi s-socjeta' konvenuta kissret l-obbligi kuntrattwali minnha assunti u ghalhekk ma hijiex responsabbli ghad-danni pretizi. Ghalhekk il-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet enumerati 3.3, 3.4 u 3.5 filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet enumerati 3.1, u 3.2.

Ghar-rigward tal-kontro talba da parti ta’ Cutrico Services, il-Qorti tirrileva preliminarjament illi minkejja illi t-talbiet huma ndirizzati fil-konfront tas-socjeta' AX Construction unikament, r-risposta guramentata hija ta' AX Holdings Limited, AX Construction Limited u The Palace Operations Limited. Stante illi l-ebda decizjoni, dikjarazzjoni jew kundanna ma ntalbet fil-konfront ta' AX Holdings Limited u The Palace Operations Limited, l-Qorti sejra tezamina l-eccezzjonijiet sollevati minn AX Construction Limited.

Il-Qorti tgharaf illi l-paragrafi 2, 3 u 4 ta' din ir-risposta guramentata huma dikjarazzjonijiet li ma jehtiegilhomx decizjoni formali, u ghal din ir-raguni l-Qorti tastieni milli jiehdu konjizzjoni taghhom.

Illi permezz l-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta'AX Construction Limited eccepiet illi din l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kontro-talba stante li l-mertu taghha ma taqax fit-termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jiddisponi:

> *"Fil-kawzi, l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jinghad hawn taht:*
>
> *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur; jew*
>
> *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha"*

Vide ukoll l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Karl Bonello noe vs Emanuel Baldacchino** et deciza fis-**26 ta' Mejju 1997**; **Vassallo vs Schewej** deciza **f'Mejju 1995**; **John Cutajar vs Carmelo Farrugia** deciza fis-**7 ta'Dicembru 1987**.

Ma hemm dubju ta'xejn illi l-kontro talba fil-kawza odjerna hija konnessa u naxxenti, **mill-istess fatti u mill-istess kuntratt** tant illi s-socjetajiet attrici jiccitaw il-kuntratt tat-22 ta' Settembru 2008 bhala l-bazi tat-talbiet taghhom filwaqt li s-socjeta' konvenuta qeghda tinvoka disposizzjonijiet ohra ta l-istess kuntratt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad, din l-eccezzjoni tas-socjeta'AX Construction Limited.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-hames eccezzjoni, tas-socjeta' attrici AX Construction Limited li biha irribadiet illi l-ebda ammont ma' huwa dovut peress illi x-xoghol ma tlestiex u ma giex *commissioned* kif miftiehem bejn il-partijiet u ghaldaqstant ma hemm l-ebda tpacija xi ssir.

Illi konsonanti ma dak aktar 'l fuq deciz fir-rigward tat-talbiet tas-socjeta' AX Construction Limited u l-eccezzjonijiet ta' Cutrico Services Limited, jirrizulta illi x- xogholijiet kienu tlestew u kienu gew kummissjonati, u ghakemm dawn ma sarx fi zmien pattwit permezz tal-ftehim tat-22 ta' Settembru 2008, d-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet mhuwiex attribbwibli ghal xi nuqqas tas-socjeta' Cutrico Services Limited.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad din l-eccezzjoni.

Ghar-rigward tas-sitt eccezzjoni, s-socjeta' attrici AX Construction Limited eccepiet illi t-talba tas-socjeta' Cutrico Services Limited kienet eccessiva.

F'dan ir-rigward ssir referenza ghal-kunsiderazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq rigwardanti l-kontro-talba tas-socjeta' Cutrico Services Limited.

Illi ghar-rigward tal-ewwel kontro-talba tas-socjeta' Cutrico Services Limited, in vista ta' dak fuq stabbilit, il-Qorti tqis li s-socjeta'AX Construction Limited hija debitrici favur is-socjeta' Cutrico Services Limited fl-ammont ta' €17,613.16, u cioe' (€49,915.36 - (€215,348 X 15%))

Il-Qorti tqis ghar-ragunijiet gia moghtija, illi l-komputazzjoni ghandha ssir a bazi tas-somma ta' €215,348 u b'hekk is-socjeta' AX Construction Limited ghandha tigi dikjarata debitrici favur is-socjeta' Cutrico Services Limited fis-somma ta' €17,613.16, u dana apparti kwalunkwe somma ohra illi t-Tribunal tal-Arbitragg jista' jqis bhala dovut.

Ghar-rigward it-tieni kontro-talba ta'Cutrico Services Limited il-Qorti tqis illi ghandha tilqa' din it-talba skond il-kunsiderazzjoni rigwardanti l-ewwel kontro-talba tas-socjeta' u ghalhekk din il-Qorti tikkundanna lis-socejta' AX Construction thallas is-somma ta' €17,613.16 lis-socjeta' Cutrico Services Limited.

Finalment u ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi :

i. filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Cutrico Services Limited numerati 1.1 sa 1.6 tichad it-talbiet tas-socjeta' AX Holdings Limited, bl-ispejjez kontra taghha;

ii. filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-societa' Cutrico Services Limited numerati 2.1,2.2, 2.3 u 2.5 u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet enumerati 2.4, tichad it-talbiet tas-socjeta' AX Construction Limited, bl-ispejjez kontra taghha;

iii. filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Cutrico Services Limited numerati 3.3, 3.4, 3.5 u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet enumerati 3.1 u 3.2, tichad it-talbiet tas-socjeta' The Palace Operations Limited, bl-ispejjez kontra taghha;

iv. filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' AX Construction Limited, tilqa' t-talbiet tal-socjeta' konvenuta rikonvenjenti u ghalhekk tiddikjara lis-socjeta' AX Construction Limited debitrici tas-socjeta' Cutrico Services Limited fis-somma ta' €17,613.16 u tikkundanna lis-socjeta AX Construction thallas din is-somma lis-socjeta' Cutrico Services Limited, b'dan illi AX Construction Limited ghadha ukoll thallas, kwalunkwe somma ohra illi t-Tribunal tal-Arbitragg jista' jqis bhala dovut, u din il-Qorti tiddikjara illi is-somma rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet giet kalkolata li tirraprezenta s-somma ta' €215,348, **u ghal dan il-ghan il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lil arbitri fil-proceduri ta' l-arbitragg** ghal-

kwalunkwe konteggi li jidhrilhom li huma necessarju. In-notifika tas-sentenza lill-Arbitri hija a karigu tas-socjeta' Cutrico Services Limited.

L-ispejjez konnessi mal-kontro-talba ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta' AX Construction Limited li ghandha wkoll thallas l-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mis-6 ta' Marzu tas-sena 2009.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------